



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15400/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0392(COD)

PI 170
COMPET 968
MI 884
IND 520
IA 208
CODEC 1864

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 667 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 667 final.

Mehmuż: COM(2022) 667 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2022
COM(2022) 667 final

2022/0392 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 422 final} - {SWD(2022) 367 final} - {SWD(2022) 368 final} -
{SWD(2022) 369 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-drittijiet tad-disinn industrijali jipproteġu d-dehra ta' prodott. Huwa d-disinn industrijali li jagħmel prodott attraenti. L-attrazzjoni viżiva hija wieħed mill-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw l-għażla ta' prodott flok ieħor mill-konsumaturi. Prodotti ddisinjati tajjeb jgħolqu vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-produtturi. Biex fl-era diġitali jittejjer l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' disinn ġdid tal-prodotti, qed kulma jmur jiżdied il-bżonn ta' protezzjoni legali aċċessibbli, valida għall-ġejjieni, effettiva u konsistenti tad-drittijiet tad-disinn.

Is-sistema ta' protezzjoni tad-disinjati fl-Ewropa għandha aktar minn 20 sena. Il-liġijiet tal-Istati Membri dwar id-disinjati industrijali ġew parzjalment armonizzati bid-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 ("id-Direttiva"). Flimkien mas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tad-disinjati, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 ("ir-Regolament") stabbilixxa sistema awtonoma għall-protezzjoni tad-drittijiet unitarji b'effett ugwali fl-UE kollha. Sa issa, ir-Regolament ġie emendat darba biss, fl-2006, biex jagħti effett lill-adeżjoni tal-UE mas-sistema ta' The Hague tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

Barra minn hekk, għadha teżisti sistema legali ta' tranżizzjoni fir-rigward tal-protezzjoni tad-disinjati għall-ispare parts tat-tiswija. Peress li ma seta' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar dak il-punt, id-Direttiva tinkludi klawżola "freeze-plus" li tippermetti lill-Istati Membri jżommu l-liġijiet eżistenti tagħhom dwar jekk l-ispare parts għandhomx jibbenefikaw minn protezzjoni sakemm l-emendi għad-Direttiva jiġu adottati fuq proposta mill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu bidliet f'dawk il-liġijiet biss, sakemm l-għan ikun li jiġi liberalizzat is-suq tal-ispare parts.

Proposta li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2004¹ biex tiġi armonizzata l-protezzjoni tad-disinjati tal-ispare parts viżibbli bl-introduzzjoni ta' "klawżola ta' tiswija" fid-Direttiva (kif diġà tinsab fir-Regolament), ma nġhatatx biżżejjed appoġġ fil-Kunsill, minkejja appoġġ qawwi mill-Parlament Ewropew². Il-proposta ġiet irtirata fl-2014.

F'konformità mal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni³ biex tirrieżamina l-politiki tal-UE b'mod regolari, fl-2014, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tal-funzjonament tas-sistemi ta' protezzjoni tad-disinjati fl-UE, li involviet valutazzjoni ekonomika u legali komprensiva, appoġġata minn sensiela ta' studji. Fil-11 ta' Novembru 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konklużjonijiet dwar il-politika tal-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinjati industrijali fl-UE⁴. Il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-disinjati bil-ħsieb li s-sistemi ta' protezzjoni tad-disinjati jiġu modernizzati u biex il-protezzjoni tad-disinjati ssir aktar attraenti għad-disinjaturi individwali u għan-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs).

¹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/71/KE dwar il-protezzjoni legali tad-disinn, COM(2004) 582 (final).

² Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/71/KE dwar il-protezzjoni legali tad-disinn (COM(2004)0582-C6-0119/2004-2004/0203(COD)).

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE, COM(2015) 215, Il-Kummissjoni Ewropea, id-19 ta' Mejju 2015, p. 4.

⁴ Dokument tal-Kunsill 2020/C 379 I/01.

Abbażi tar-riżultati finali tal-evalwazzjoni⁵, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 imsejħa "Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE – Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE"⁶, il-Kummissjoni ħabbret li se tirrevedi l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinj, wara r-riforma b'suċċess tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-trademarks. Fil-25 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta konklużjonijiet ulterjuri dwar il-politika tal-proprjetà intellettuali⁷, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-preżentazzjoni f'waqtha ta' proposta mill-aktar fis possibbli sabiex il-leġislazzjoni dwar id-disinj industrijali tiġi riveduta u modernizzata. Barra minn hekk, fl-Opinjoni ta' appoġġ tiegħu dwar il-pjan ta' azzjoni dwar il-PI, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa għal reviżjoni tas-sistema ta' protezzjoni tad-disinj li issa għandha 20 sena⁸.

Meqjusa flimkien bħala pakkett fi ħdan il-programm dwar l-idoneità regolatorja (REFIT), l-oġettiv komuni ewlieni ta' din l-inizjattiva u tal-proposta parallela għall-emendar tar-Regolament huwa li jiġu promossi l-eċċellenza fid-disinn, l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-UE. Dan għandu jsir billi jiġi żgurat li s-sistema ta' protezzjoni tad-disinj tkun adegwata għall-użu tagħha fl-era diġitali u li ssir sostanzjalment aktar aċċessibbli u effiċjenti għad-disinjaturi individwali, għall-SMEs u għall-industriji intensivi fid-disinn f'termini ta' inqas kostijiet u kumplessità, aktar ħeffa, u iżjed prevedibbiltà u ċertezza legali.

B'mod speċifiku, l-inizjattiva attwali għal riformulazzjoni tad-Direttiva hija mmexxija mill-oġettivi li:

- jiġu modernizzati u jittejbu d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva, billi jiġu emendati d-dispożizzjonijiet skaduti, tiżdied iċ-ċertezza legali u jiġu ċċarati d-drittijiet tad-disinn f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni u limitazzjonijiet;
- tinkiseb iżjed approssimazzjoni tal-liġijiet u tal-proċeduri nazzjonali dwar id-disinn biex jissaħħu l-interoperabbiltà u l-komplementarjetà mas-sistema tad-disinn Komunitarja, billi jiżdiedu aktar regoli sostantivi u jiġu introdotti regoli proċedurali prinċipali fid-Direttiva f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.
- jitlesta s-suq uniku tal-ispare parts tat-tiswija bl-introduzzjoni ta' klawżola ta' tiswija fid-Direttiva kif hemm fir-Regolament.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tħassar u tissostitwixxi d-Direttiva 98/71/KE eżistenti. Flimkien mal-proposta parallela għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, din il-proposta tiffirma pakkett koerenti fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-PI, u bl-għan li l-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinj tiġi modernizzata, u armonizzata aktar.

Sabiex jinkiseb allinjament akbar tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-disinj mar-regoli li jirregolaw is-sistema tad-disinn tal-UE ta' suċċess, din il-proposta tinvolvi l-introduzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet mir-Regolament (KE) Nru 6/2002 fid-Direttiva, li għandhom jiġu riflessi hemmhekk u jżidu l-grad ta' koerenza bejn dawn iż-żewġ strumenti. Din il-proposta hija konsistenti wkoll mad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trademarks. Dan japplika b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet dwar l-oġġetti ffalsifikati fi tranżitu u

⁵ SWD(2020) 264 final.

⁶ COM(2020) 760 final.

⁷ Dokument tal-Kunsill 2021/C 247/02.

⁸ Rapport dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE, kif adottat mill-Komitat għall-Affarijiet Legali fit-30 ta' Settembru 2021 (A9-0284/2021), il-paragrafu 32.

d-dispożizzjonijiet dwar proċeduri bħar-rekwiżiti tal-applikazzjoni u tad-data tal-infilzar u dwar il-proċeduri tal-invalidità amministrattiva.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Din il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 461/2010, u tikkomplementah (ir-Regolament dwar Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur jew "MVBBER") fil-qasam tal-politika tal-antitrust. Il-liberalizzazzjoni proposta tas-suq tal-ispare parts tista' tgħin lil dik is-sistema tal-antitrust tipproteġi l-kompetizzjoni effettiva fis-suq kollu tal-ispare parts tal-vetturi, u tas-servizz ta' manutenzjoni u ta' tiswija tal-vetturi, biex b'hekk tikseb il-benefiċċji sħaħ tagħha għan-negozji u għall-konsumaturi fis-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi. Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-isforzi mressqa fl-inizjattiva dwar il-prodotti sostenibbli li għandha l-għan li tippromwovi t-tiswijiet u l-ekonomija ċirkolari, u tikkomplementahom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jadottaw miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri bl-oġettiv tal-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-problemi identifikati huma relatati mad-diverġenzi sinifikanti tal-qafas regolatorju, li jew ma jippermettux, jew b'mod partikolari jgħawġu, kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE b'konsegwenzi negattivi ulterjuri fuq il-kompetittività tagħhom u tal-UE kollha kemm hi (eż. għall-ispare parts). Għalhekk huwa rakkomandabbli li jiġu adottati miżuri li jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet rilevanti għall-funzjonament tas-suq uniku. Tali miżuri mmirati lejn l-estensjoni tal-livell attwali ta' approssimazzjoni permezz tad-Direttiva jistgħu jittieħdu biss fil-livell tal-UE, mhux l-inqas, minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza mas-sistema tad-disinn Komunitarja.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat li s-sistema tad-disinn Komunitarja hija inkorporata fis-sistema tad-disinn Ewropea, li hija mibnija fuq il-prinċipju tal-koeżistenza u tal-komplementarjetà bejn il-protezzjoni tad-disinn nazzjonali u l-protezzjoni tad-disinji tal-UE kollha. Filwaqt li r-Regolament jipprovdi sistema kompluta li tipprevedi l-kwistjonijiet kollha ta' liġi sostantiva u proċedurali, il-livell attwali ta' approssimazzjoni leġislattiva rifless fid-Direttiva huwa limitat għal dispożizzjonijiet magħżula ta' liġi sostantiva. Sabiex jiġu żgurati koeżistenza u komplementarjetà effettivi u sostenibbli bejn il-komponenti involuti, jeħtieġ tinħoloq sistema ġenerali armonjuża ta' protezzjoni tad-disinji fl-Ewropa b'regoli sostantivi simili, u mill-anqas b'dispożizzjonijiet proċedurali prinċipali kompatibbli. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-protezzjoni tad-disinji għall-ispare parts b'mod speċifiku, jeħtieġ jingħad ukoll li t-tlestija tas-suq intern għall-ispare parts tista' tinkiseb biss fil-livell tal-UE. L-esperjenza ta' aktar minn 20 sena bil-klawżola freeze-plus fid-Direttiva ma wriet l-ebda tendenza qawwija lejn l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri fuq bażi volontarja (minkejja l-introduzzjoni ta' klawżola ta' tiswija fi ftit aktar Stati Membri) jew permezz ta' awtoregolamentazzjoni mill-industrija.

Azzjoni fil-livell tal-UE tagħmel is-sistema tal-protezzjoni tad-disinji fl-Ewropa kollha kemm hi sostanzjalment aktar aċċessibbli u effiċjenti għan-negozji, b'mod partikolari għall-SMEs u għad-disinjaturi individwali. Din tkompli tagħlaq il-lakuni li fadal fis-suq uniku tal-ispare

parts tat-tiswija għall-benefiċċju sostanzjali tal-konsumaturi, li jkunu jistgħu jagħżlu bejn parts ta' kompetituri differenti bi prezzijiet orħos.

- **Proporzjonalità**

Iż-żieda ta' armonizzazzjoni mmirata, b'mod partikolari għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' nuqqas ta' validità, tiffoka fuq dispożizzjonijiet prinċipali fl-oqsma proċedurali identifikati mill-partijiet ikkonċernati bħala li għandhom l-akbar ħtieġa ta' allinjament mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament. Il-valutazzjoni tal-impatt ħarset ukoll lejn l-alternattiva ta' armonizzazzjoni fuq skala sħiħa tad-dispożizzjonijiet kollha tad-disinn (l-għażla 4.2) iżda kkunsidratha sproporzjonata għall-ħtiġijiet reali (ara t-Taqsima 6.4 tal-valutazzjoni tal-impatt).

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-protezzjoni tal-ispare parts, iż-żieda ta' klawżola ta' tiswija permezz tal-għażla ppreferuta 1.2 hija meqjusa bħala l-aktar mod proporzjonali għat-tlestija tas-suq uniku fuq il-prinċipju tal-liberalizzazzjoni. Azzjoni bħal din fil-livell tal-UE ma toħloqx kostijiet immedjati. Biex titneħħa din il-protezzjoni, il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' wara l-bejgħ teħtieġ atti legali biss f'dawk l-Istati Membri li attwalment jipproteġu l-ispare parts. Għalhekk din toħloq l-inqas kostijiet amministrattivi minn fost l-għażliet kollha kkunsidrati. Barra minn hekk, billi tipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin li matulu d-drittijiet tad-disinn eżistenti se jkomplu jiġu protetti, il-manifatturi tal-vetturi se jitħallew jaġġustaw l-imġiba tagħhom fis-suq bl-inqas riskju jew tfixkil għall-investment u l-innovazzjoni. Din l-għażla hija wkoll prudenti b'mod adegwat fir-rigward tal-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali (ara t-Taqsima 8.1 tal-valutazzjoni tal-impatt).

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija maħsuba biex tipprevedi emendi mmirati għad-Direttiva 98/71/KE, biex jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet identifikati. Peress li l-istrument propost huwa riformulazzjoni tad-Direttiva, l-istess strument legali huwa l-aktar wieħed xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ġenerali tad-Direttiva u r-Regolament attwali, li ġiet ippubblikata f'Novembru 2020⁹. Ikkonkludiet li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji kienet laħqet l-oġettivi, u li fil-biċċa l-kbira kienet għadha valida.

Madankollu, fir-rigward tad-Direttiva 98/71/KE, l-evalwazzjoni identifikat ċerti nuqqasijiet, b'mod partikolari suq tal-ispare parts li għadu frammentat ħafna minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-disinji għall-partijiet komponenti użati għat-tiswija ta' prodotti kumplessi. Instab li dan jikkawża inċertezza legali konsiderevoli u jgħawweġ il-kompetizzjoni b'mod sever filwaqt li jżid il-kostijiet lill-konsumaturi. L-evalwazzjoni sabet ukoll inkonsistenzi bejn il-liġijiet dwar id-disinn tal-Istati Membri u fir-rigward tar-Regolament b'rabta mal-proċeduri tar-reġistrazzjoni u tal-invalidità tad-disinji. Dawn għandhom impatt negattiv fuq l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji fl-UE.

⁹ SWD(2020) 264 final.

Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea wettqet valutazzjoni tal-impatt u wara ddeċidiet li tirrevedi l-leġiżlazzjoni. Id-diversi passi tal-valutazzjoni tal-impatt, mid-definizzjoni tal-problemi u l-fatturi ewlenin tagħhom sal-identifikazzjoni tal-oġettivi u l-għażliet ta' politika possibbli, kienu bbażati fuq is-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-ewwel konsultazzjoni pubblika komprensiva saret bejn it-18 ta' Diċembru 2018 u t-30 ta' April 2019¹⁰ bl-għan li jinġabru biżżejjed evidenza u fehmiet tal-partijiet ikkonċernati sabiex tiġi appoġġata l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-disinji u jiġi stabbilit il-grad sa fejn dik il-leġiżlazzjoni taħdem kif maħsub u għadha tista' titqies valida. Kważi żewġ terzi tar-rispondenti jidhrilhom li s-sistema ta' protezzjoni tad-disinji fl-UE (is-sistema tad-disinn nazzjonali skont id-Direttiva flimkien mar-reġim tad-disinn Komunitarju) taħdem tajjeb. Fl-istess ħin, kważi nofs ir-rispondenti semmew xi konsegwenzi jew nuqqasijiet mhux intenzjonati tad-Direttiva u/jew tar-Regolament.

Minbarra l-konsultazzjoni estensiva għall-evalwazzjoni, il-Kummissjoni wettqet it-tieni konsultazzjoni pubblika bejn id-29 ta' April u t-22 ta' Lulju 2021¹¹ biex tikseb evidenza u fehmiet addizzjonali tal-partijiet ikkonċernati rigward kwistjonijiet magħżula u għażliet potenzjali u l-impatti tagħhom, bħala appoġġ għar-rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar id-disinji.

Il-problemi ewlenin identifikati fil-konsultazzjonijiet ġew ikkunsidrati u indirizzati fil-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 98/71/KE u r-Regolament (KE) Nru 6/2002 kienet ibbażata fuq żewġ studji esterni ewlenin li jqisu l-aspetti ekonomiċi¹² kif ukoll dawk legali¹³ tal-funzjonament tas-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji fl-UE. Barra minn hekk, rigward il-kwistjoni tal-protezzjoni tal-ispare parts b'mod speċifiku, il-valutazzjoni tal-impatt kienet appoġġata minn żewġ studji oħra dwar l-effett tal-protezzjoni fuq il-prezzijiet u fuq id-dispersjoni tal-prezzijiet¹⁴ u fuq l-istruttura tas-suq tal-ispare parts tal-vetturi bil-mutur fl-UE¹⁵. Aktar informazzjoni ta' appoġġ inkisbet mill-kollaborazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn diversi studji u rapporti tal-EUIPO, kif ukoll minn studji u għabriet tad-data oħra disponibbli prodotti minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jew internazzjonali, inklużi uffiċċji nazzjonali tal-PI, akkademiċi jew partijiet ikkonċernati oħra.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Peress li din il-proposta hija ppreżentata f'pakkett flimkien mal-proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament (KE) Nru 6/2002, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni konġunta tal-impatt għal din il-proposta u għall-proposta parallela għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 6/2002¹⁶. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fis-27 ta'

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2018-3527248/public-consultation_mt

¹¹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12609-Intellectual-property-review-of-EU-rules-on-industrial-design-Design-Directive-/public-consultation_mt

¹² https://ec.europa.eu/growth/content/economic-review-industrial-design-europe-0_en

¹³ https://ec.europa.eu/growth/content/legal-review-industrial-design-protection-europe-0_en

¹⁴ Herz, B., & Mejer, M. (2020). [The effect of design protection on price and price dispersion: Evidence from automotive spare parts](#).

¹⁵ Nikolic, Z. (Settembru, 2021). Market structure of motor vehicle visible spare parts in the EU. Studju kkummissjonat lil Wolk After Sales Experts GmbH. Disponibbli fuq <https://op.europa.eu/s/sMA8>

¹⁶ Żid ħolqa għall-valutazzjoni tal-impatt u għas-sommarju eżekuttiv

Ottubru u ngħatat opinjoni pożittiva mill-Bord fis-26 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-impatt finali tqis il-kummenti li jinsabu f'dik l-opinjoni.

Fil-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni qieset żewġ problemi ewlenin:

1. It-tfixkil fil-kummerċ intra-UE u l-ostakli għall-kompetizzjoni fi wħud mill-Istati Membri fir-rigward tal-ispare parts tat-tiswija.

2. L-iskoraġġiment tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u d-disinjaturi individwali, milli jfittxu protezzjoni tad-disinji rreġistrati fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali - minħabba l-kostijiet għoljin, il-piżijiet u d-dewmien fil-kisba tal-protezzjoni u l-prevedibbiltà limitata li toffri.

Xi aspetti tat-tieni problema (proċeduri skaduti għar-reġistrazzjoni tad-disinji Komunitarji rreġistrati (RCDs) u l-ħlas ta' tariffi subottimali għall-RCD), għandhom jiġu indirizzati fir-reviżjoni parallela tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, iżda l-kwistjoni tal-ispare parts (l-ewwel problema) u l-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet (proċedurali) diverġenti jridu jiġu indirizzati fir-reviżjoni tad-Direttiva 98/71/KE.

Biex tissolva l-kwistjoni tal-ispare parts u biex jiġi indirizzat l-oġġettiv li s-suq ta' wara l-bejgħ tal-ispare parts jinfetaħ għall-kompetizzjoni, ġew ikkunsidrati **l-għażliet li ġejjin**:

- **Għażla Nru 1.1: Liberalizzazzjoni sħiħa tad-disinji kollha, jiġifieri li s-suq tal-ispare parts “must-match” jenħtieġ li jinfetaħ għall-kompetizzjoni fl-UE kollha, u jiġi estiż għad-disinji eżistenti u dawk ġodda.** Din l-għażla tinvolvi ż-żieda ta' “klawżola ta' tiswija” fid-Direttiva, kif hemm fl-Artikolu 110(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, u li tiġi permessa r-riproduzzjoni identika tal-parts protetti ta' prodotti kumplessi għall-finijiet ta' tiswija. Il-klawżola ta' tiswija li ġiet miżjuda jkollha effett legali għall-futur u għall-passat (jiġifieri tkun applikabbli għad-disinji mogħtija qabel u wara d-dħul fis-seħħ tagħha).
- **Għażla Nru 1.2: Liberalizzazzjoni sħiħa immedjata tad-disinji ġodda u mbagħad liberalizzazzjoni sħiħa tad-disinji qodma wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin.** Din l-għażla tinvolvi l-istess bidliet bħall-għażla preċedenti, bid-differenza li l-klawżola ta' tiswija li għandha tiddaħħal fid-Direttiva jkollha effett legali immedjat biss għall-futur (jiġifieri tkun applikabbli biss għad-disinji li tkun saret applikazzjoni għalihom wara d-dħul fis-seħħ). Id-disinji mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ jenħtieġ li jkomplu jiġu protetti għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin.
- **Għażla Nru 1.3: Liberalizzazzjoni sħiħa għal disinji ġodda.** Bħal fl-għażla preċedenti, f'din l-għażla, il-klawżola ta' tiswija li għandha tiġi miżjuda fid-Direttiva jkollha effett legali biss għall-futur. Id-drittijiet eżistenti tad-disinn mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ma jinbidlux u għalhekk jistgħu jiġu protetti għal perjodu sa 25 sena.

L-għażliet li ġejjin ġew ikkunsidrati **biex tissolva l-kwistjoni ta' regoli proċedurali diverġenti** u biex jittejbu l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tad-disinn Komunitarji u nazzjonali:

- **Għażla Nru 4.1: Approssimazzjoni parzjali ulterjuri tal-liġijiet nazzjonali u l-koerenza tagħhom mas-sistema tal-RCD.** Din l-għażla tinvolvi ż-żieda ta' dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar aspetti magħżula tal-liġijiet dwar id-disinn li għadhom mhumieq indirizzati fiha u li ġew identifikati mill-partijiet ikkonċernati

bħala li huma fl-akbar ħtieġa ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari proċeduri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 6/2002. Iż-żieda ta' regoli proċedurali prinċipali fid-Direttiva jenħtieġ li tiġi kkombinata mal-allinjament ulterjuri ta' għadd żgħir ta' aspetti tal-liġi sostantiva magħżula (apparti l-kwistjoni tal-ispare parts) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 6/2002.

- **Għażla Nru 4.2: Approssimazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali dwar id-disinn.** Din l-għażla tkopri l-għażla 4.1 iżda tinkludi wkoll l-aspetti li jifdal tal-liġijiet u l-proċeduri sostantivi tad-disinn li huma parti mir-Regolament (KE) Nru 6/2002, iżda mhux mid-Direttiva.

F'dan il-kuntest ġie vvalutat ukoll kif tista' tinkiseb tali approssimazzjoni ulterjuri: fuq bażi volontarja (**is-subgħażliet 4.1a u 4.2a**), jew fuq bażi obbligatorja, jiġifieri mmexxija minn miżura leġiżlattiva tal-UE li tirrikjedi li l-Istati Membri jallinjaw il-liġijiet tagħhom dwar id-disinn (**is-subgħażliet 4.1b u 4.2b**).

Abbażi tar-risultat tal-valutazzjoni tal-impatt, is-sett ippreferut tal-għażliet jinkludi **l-għażla 1.2 u l-għażla 4.1b**.

L-għażla 1.2 twiegħed li, wara l-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin, tikseb iffrankar potenzjali lill-konsumaturi fi swieq li bħalissa ma għandhomx fis-seħħ klawżola ta' tiswija, li jvarja bejn EUR 340 miljun u EUR 544 miljun fis-sena minħabba kompetizzjoni fil-prezzijiet (matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin, il-benefiċċji se jiżdiedu b'EUR 4 miljun sa EUR 13-il miljun fis-sena biex jilhqgħ l-EUR 40 miljun sa EUR 130 miljun fl-aħħar sena). Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin, il-liberalizzazzjoni sħiħa tad-disinji ġodda se tippromwovi l-kompetizzjoni u d-dħul fis-suq ta' parts tal-ħabtiet għall-karozzi ġodda. Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin, il-fornituri tat-tagħmir oriġinali (OESs) u l-fornituri indipendenti (non-OESs) se jibbenefikaw minn libertà operazzjonali ferm akbar, li se tippermettilhom isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq u jikkonsolidaw ruħhom.

L-għażla 4.1b se tagħmilha aktar faċli u irħas għad-ditti u d-disinjaturi biex jiksibu protezzjoni tad-disinji fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari billi żżid ir-regoli proċedurali prinċipali fid-Direttiva f'konformità mar-Regolament. Dan se jkompli jżid il-prevedibbiltà, jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-ġestjoni tal-portafolli multinazzjonali tal-PI, u jagħmilha aktar faċli u irħas biex id-disinji invalidi jitneħħew mir-reġistru. Tali approssimazzjoni ulterjuri tal-liġijiet se jkollha wkoll impatti pożittivi addizzjonali fuq il-kooperazzjoni bejn l-EUIPO u l-uffiċċji nazzjonali tal-PI skont il-qafas eżistenti stabbilit fl-Artikolu 152 tar-Regolament (UE) 2017/1001 fit-trademark tal-Unjoni Ewropea.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 98/71/KE u l-proposta parallela għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 ġiet inkluża fl-Anness II tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022¹⁷. Għalhekk huma parti mill-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT).

Din il-proposta għandha l-għan li taġġorna s-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji fl-UE għall-era diġitali, u li tagħmilhom aktar aċċessibbli u effiċjenti għall-applikanti u għal dawk li jixtiequ jikkancelaw id-disinji invalidi. F'termini ta' diġitalizzazzjoni, l-armonizzazzjoni proposta tar-

¹⁷ [Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022 - dokumenti ewlenin | Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

rekwiżiti għar-rappreżentazzjoni tad-disinji se tippermetti lill-applikanti jirriproduċu d-disinji tagħhom fi kwalunkwe post b'mod ċar u preċiż, bl-użu ta' teknoloġija ġeneralment disponibbli. Din se tiffaċilita b'mod partikolari l-infilzar ta' disinji diġitali ġodda. F'termini ta' simplifikazzjoni, l-armonizzazzjoni ulterjuri proposta se tippermetti lin-negozji jinfilzaw applikazzjonijiet multipli fi kwalunkwe post fil-livell nazzjonali billi jikkombinaw diversi disinji f'applikazzjoni waħda, u mingħajr ma jkunu ristretti għal prodotti tal-istess natura. Filwaqt li dan, b'mod ċar, se jagħmel il-ħajja aktar faċli għall-applikanti tad-disinji, il-benefiċċji ma setgħux jiġu kwantifikati għax essenzjalment se jkunu jiddependu fuq it-tariffi stabbiliti fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-waqfien tal-eżaminazzjoni *ex officio* tal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku fil-livell nazzjonali (biex jiġi pprovdut l-istess livell ta' aċċessibbiltà għall-protezzjoni bħal fil-livell tal-UE) hu maħsub li jnaqqas, b'mod sinifikanti, it-tul tal-proċedimenti tar-reġistrazzjoni f'dawk l-Istati Membri li għadhom jagħmluha. B'hekk, in-negozji se jkunu jistgħu jiksibu protezzjoni ħafna aktar malajr u b'inqas kostijiet. Barra minn hekk, l-introduzzjoni (obbligatorja) ta' proċedimenti tal-invalidità fl-uffiċċju biex reġistrazzjoni ta' disinn invalidu tiġi kkanċellata mingħajr il-bżonn li daww involuti jmorru l-qorti, hi ta' benefiċċju ċar għall-kompetituri u għad-detenturi tad-drittijiet għax tnaqqasilhom il-komplessità u l-kostijiet.

Din il-proposta għandha wkoll l-għan li tlesti s-suq uniku tal-ispare parts tat-tiswija billi tintroduċi klawżola ta' tiswija li teżenta lil daww il-parts mill-protezzjoni tad-disinji. Il-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq tal-ispare parts hi maħsuba li tikseb benefiċċji sostanzjali għall-konsumaturi f'termini ta' għażla akbar u prezzijiet irħas.

L-iffrankar tal-kostijiet rilevanti huwa speċifikat u miġbur fil-qosor fit-Tabella 8.1 tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva jenħtieġ li ttejjeb il-possibbiltajiet għad-disinjaturi li jipproteġu d-drittijiet tagħhom, b'impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għal proprjetà u d-dritt għal rimedju effettiv. Bl-għan li s-sistema ta' protezzjoni tad-disinji fl-UE ssir aktar bilanċjata, din għandha wkoll l-għan li tipprevedi katalogu aktar robust ta' limitazzjonijiet tad-drittijiet tad-disinn u ddaħħal klawżola ta' tiswija, filwaqt li tqis kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq l-ekwità u l-kompetizzjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta mhux se jkollha impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant mhix akkumpanjata mid-dikjarazzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tkun qed timmonitorja s-suq tal-ispare parts tal-UE biex tara jekk l-introduzzjoni ta' klawżola ta' tiswija li tkopri lill-UE kollha tiksibx tabilħaqq l-iffrankar previst. Se tikkunsidra wkoll it-tnedija ta' studji u sħarriġiet speċifiċi biex issegwi l-iżviluppi fl-ipprezzar u, b'mod partikolari, fl-imġiba tal-klijenti.

Fir-rigward tal-approssimazzjoni ulterjuri tal-liġijiet nazzjonali, il-Kummissjoni se tiskrutinizza n-notifiki tal-miżuri ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri u se tirreaġixxi għal kull dewmien jew inkonsistenza. Meta r-regoli kollha jiġu trasposti kif xieraq, għall-evalwazzjoni se jiġi kkunsidrat sett ta' indikaturi pertinenti kif imsemmi fit-Taqsima 9 tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Id-dokumenti ta' spjegazzjoni mhumieq meħtieġa peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ma għandhomx natura kumplessa għar-riċevituri fil-mira tagħhom.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Peress li din hija proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 98/71/KE, l-ispejgazzjoni dettaljata ta' hawn taħt tiffoka biss fuq id-dispożizzjonijiet il-ġodda jew fuq id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu emendati.

Kapitolu 1: Dispożizzjonijiet ġenerali

- Definizzjoni ta' disinn u prodott (l-Artikolu 2)

Qed jiġi propost li fid-dispożizzjonijiet ġenerali jingħataw definizzjonijiet aġġornati u aktar dettaljati tal-kunċetti ta' prodott u disinn. Dan l-aġġornament, il-kjarifika u t-twessigħ tad-definizzjonijiet attwali għandhom l-għan li jagħmlu l-proposta għal Direttiva riformulata valida għall-avvanzi teknoloġiċi tal-futur, u jipprovdu aktar ċertezza legali u trasparenza fir-rigward tas-suġġett eliġibbli tal-protezzjoni tad-disinji.

Kapitolu 2: Liġi sostantiva dwar id-disinji

- Protezzjoni tad-disinji permezz ta' reġistrazzjoni biss (l-Artikolu 3)

Id-Direttiva attwali tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni tad-disinji anki f'forma mhux reġistrata¹⁸. Qed jiġi propost li dik id-diskrezzjoni titneħħa billi l-protezzjoni tad-disinji tiġi limitata għal protezzjoni reġistrata biss. Il-protezzjoni unitarja fil-forma tad-disinn mhux reġistrat tal-UE qed tingħata u għalhekk ma hemmx ħtieġa reali ta' protezzjoni parallela (potenzjalment diverġenti) mhux irreġistrata.

- Bidu tal-protezzjoni (l-Artikolu 10)

Biex jiġu eliminati l-inkonsistenzi eżistenti, huwa ċċarat li l-protezzjoni tad-disinji tibda biss bir-reġistrazzjoni fir-reġistru.

- Dritt għal disinn reġistrat (l-Artikoli 11 u 12)

Qed jiġu proposti dispożizzjonijiet ġodda dwar id-dritt għal disinn reġistrat, inkluż il-preżunzjoni ta' sjieda, biex jiżdiedu f'konformità mal-Artikoli 14 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002.

- Raġunijiet għan-nonreġistrabbiltà u l-ambitu tal-eżaminazzjoni sostantiva (l-Artikoli 13 u 29)

¹⁸ Madankollu, l-ebda Stat Membru ma jipprovdi tali protezzjoni f'forma mhux reġistrata.

Sabiex l-ambitu tal-eżaminazzjoni sostantiva fl-UE kollha jiġi allinjat għalkollox ma' dik imwettqa fil-livell tal-EUIPO (l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002), jenħtieġ li r-raġunijiet għan-nonreġistrabbiltà jiġu stabbiliti b'mod eżawrjenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċedura għall-kisba ta' disinn reġistrat tkun tippreżenta kostijiet u diffikultà minimi lill-applikanti, bħal fil-każ tal-EUIPO.

- Raġunijiet għall-invalidità (l-Artikolu 14)

Qed jiġi propost li d-dispożizzjonijiet fakultattivi jsiru dispożizzjonijiet obbligatorji sabiex jiżiedu l-prevedibbiltà u l-konsistenza mas-sistema tad-disinji tal-UE.

- Suġġett tal-protezzjoni (l-Artikolu 15)

Għal ċertezza legali akbar fir-rigward tar-“rekwiżit ta' viżibbiltà”, qed tiġi proposta dispożizzjoni speċifika li għandha tiżdied mad-Direttiva (flimkien mal-premessa 17) biex il-protezzjoni tad-disinji tingħata għal daww il-karatteristiċi tad-dehra (biss), li jintwerew b'mod viżibbli fl-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

Huwa ċċarat ukoll (fil-premessa 18 il-ġdida) li, fil-bqija tal-każijiet, ma hemmx bżonn li l-karatteristiċi tad-disinn ikunu viżibbli f'xi ħin partikolari jew f'xi sitwazzjoni partikolari biex jattiraw il-protezzjoni, ħlief għall-partijiet komponenti li ma jkunux viżibbli waqt l-użu normali ta' prodott kumpless.

- L-ambitu tad-drittijiet mogħtija minn disinn reġistrat (l-Artikolu 16)

Sabiex id-detenturi tad-drittijiet tad-disinn ikunu jistgħu jindirizzaw b'mod aktar effettiv l-isfidi li jirriżultaw mill-użu akbar tat-teknoloġiji tal-istampar 3D, qed jiġi propost li l-ambitu tad-drittijiet tad-disinn jiġi aġġustat kif xieraq.

Barra minn hekk, wara r-riforma tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-trademarks (l-Artikolu 10(4) il-ġdid tad-Direttiva (UE) 2015/2436), huwa meqjus importanti li, għall-għieda effettiva kontra l-attivitajiet tal-iffalsifikar li qed ikomplu jiżiedu, mal-qafas legali dwar id-disinji industrijali tiżdied ukoll dispożizzjoni korrispondenti li tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet jwaqqfu l-prodotti ffalsifikati milli jgħaddu mit-territorju tal-UE jew milli jitqiegħdu f'sitwazzjoni doganali oħra mingħajr ma jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk.

- Preżunzjoni tal-validità (l-Artikolu 17)

Għal aktar konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 6/2002 (l-Artikolu 85(1)), qed jiġi propost li mad-Direttiva tiżdied ukoll dispożizzjoni dwar il-preżunzjoni tal-validità.

- Limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija (l-Artikolu 18)

Sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar tal-interessi leġittimi involuti u filwaqt li titqies il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)¹⁹, qed jiġi propost li l-lista tal-użi permissibbli tiġi kkomplementata biż-żieda ta' użu referenzjali, u ta' kritika u parodija.

- Klawżola ta' tiswija (l-Artikolu 19)

Sabiex eventwalment tintemm is-sistema ta' tranżizzjoni eżistenti u jitlesta s-suq uniku tal-ispere parts tat-tiswija, qed jiġi propost li fid-Direttiva tiddaħħal klawżola ta' tiswija simili

¹⁹ Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-24/16 u C-25/16, *Nintendo*, ECLI:EU:C:2017:724.

għal dik li hemm fl-Artikolu 110 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002. Din il-klawżola hija espliċitament limitata għall-parts “must match” (dipendenti fuq il-forma) ta’ prodotti kumplessi, biex tintlaqa’ s-sentenza tal-QĠUE fil-kawża Acacia²⁰.

Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħad b’mod espliċitu li l-klawżola ta’ tiswija tista’ tintuża bħala difiża minn allegazzjonijiet ta’ ksur biss jekk il-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq dwar l-orijini tal-prodott li għandu jintuża għall-fini tat-tiswija tal-prodott kumpless.

Biex jiġu indirizzati l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet tad-disinn eżistenti, il-klawżola ta’ tiswija jkollha effett legali immedjat (mingħajr limitu) biss għall-futur, filwaqt li tissalvagwardja l-protezzjoni tad-drittijiet eżistenti għal perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 10 snin.

- Difiża tal-użu preċedenti (l-Artikolu 21)

Dritt tal-użu preċedenti huwa introdott f’konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002. Din id-difiża mill-ksur se tippoteġi lil dawk li investew *in bona fede* f’disinn ta’ prodott qabel id-data ta’ prijorità ta’ disinn reġistrat u għalhekk għandhom interess leġittimu fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti anki jekk id-dehra tagħhom taqa’ fl-ambitu tal-protezzjoni tad-disinn reġistrat.

- Prinċipju tal-kumulazzjoni (l-Artikolu 23)

Il-prinċipju tal-kumulazzjoni tad-disinn u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur jinżamm, filwaqt li jitqies il-fatt li, minn meta kienet ġiet adottata l-leġiżlazzjoni oriġinali sal-lum, l-armonizzazzjoni mxiet ’il quddiem fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur.

- Avviż tad-disinn (l-Artikolu 24)

Avviż tad-disinn se jingħata lid-detenturi tad-disinji reġistrati biex ikunu jistgħu jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-reġistrazzjoni ta’ disinn.

Kapitolu 3: Proċeduri

Sett ta’ regoli prinċipali dwar il-proċeduri huwa miżjud mad-Direttiva f’konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2436 biex il-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trademarks jiġu approssimati.

- Rekwiżiti tar-rappreżentazzjoni (l-Artikolu 26)

Sabiex jiġi żgurat li r-rappreżentazzjoni tad-disinji tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti li jibqgħu validi fil-futur għal rappreżentazzjoni ċara u preċiża tad-disinji fl-UE kollha, qed jiġi propost sett ta’ dispożizzjonijiet dettaljati, li għandhom jiżdiedu mad-Direttiva.

- Applikazzjonijiet multipli (l-Artikolu 27)

Qed jiġi propost li tiġi prevista l-possibbiltà li diversi disinji jiġu kkombinati f’applikazzjoni waħda kif attwalment previst ukoll fl-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, u mingħajr il-ħtieġa li d-disinji kkombinati jikkonċernaw lil prodotti tal-istess klassi tal-Klassifikazzjoni ta’ Locarno, kif propost ukoll fl-emenda korrispondenti għar-Regolament.

- Differiment tal-pubblikazzjoni (l-Artikolu 30)

²⁰ Is-sentenza fil-Kawża Magħquda C-397/16 u C-435/16, Acacia, ECLI:EU:C:2017:992.

F'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, qed jiġi propost li tiġi prevista l-għażla li jintalab differiment tal-pubblikazzjoni ta' applikazzjoni tad-disinn għal perjodu ta' 30 xahar mid-data tal-infilzar tal-applikazzjoni.

- Proċedimenti amministrattivi tal-invalidità (l-Artikolu 31)

Kif ġie introdott għall-proċedimenti tal-kanċellazzjoni tat-trademarks skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva (UE) 2015/2436, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu proċedura amministrattiva għall-kontestazzjoni tal-validità ta' reġistrazzjoni tad-disinn li għandha titħaddem mill-uffiċċji tal-proprjeta' intellettuali tagħhom. F'xi Stati Membri, il-validità ta' disinn reġistrat tista' tiġi kkontestata biss bi proċedimenti fil-qorti. Dawk is-sistemi jkunu aktar ikkumplikati u għaljin.

↓ 98/71/KE (adattat)

2022/0392 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità~~ ☒ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni ☒ Ewropea u ~~partikolarment~~ b'mod partikolari l-Artikolu ~~100a~~ ☒ 114(1) ☒ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓ ġdid

(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi għad-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.

↓ 98/71/KE premessa 1 (adattat)

~~Billi l-għanijiet tal-Komunità, kif stabbiliti bit-Trattat, jinkludu l-istabbiliment tas-sisien ta' għaqda aktar mill-qrib fost l-popli ta' l-Ewropa, it-trawwim ta' relazzjonijiet aktar mill-qrib bejn l-Istati tal-Komunità, u l-assigurazzjoni ta' progress ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tal-Komunità b'azzjoni komuni biex jitneħħew il-barrieri li jifirdu l-Ewropa; billi għal dak il-fini it-Trattat jipprovd għat-twaqqif ta' suq intern li hu karatterizzat bit-tneħħija tat-tfixkil għall-moviment ħieles ta' prodotti u wkoll bit-twaqqif ta' sistema li tassigura li ma titgħawwiġx il-kompetizzjoni fis-suq intern; billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni legali ta' disinji ġġib aktar il-quddiem dawk l-għanijiet;~~

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Id-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' disinji (ĠU L 289, 28.10.1998, p. 28).

↓ 98/71/KE premessa 2 (adattat)

~~Billi d-differenzi fil-protezzjoni legali ta' disinni offruta fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri għandhom effett dirett fuq it-twaqqif u t-tmexxja tas-suq intern dwar prodotti li jkollhom disinni; billi dawk id-differenzi jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni ġewwa s-suq intern;~~

↓ 98/71/KE premessa 3 (adattat)

~~Billi hu għalhekk meħtieġ biex is-suq intern jitmexxa sewwa li jkunu approssimati l-liġijiet ta' protezzjoni ta' disinni fl-Istati Membri;~~

↓ 98/71/KE premessa 4 (adattat)

~~Billi, meta jsir hekk, huwa mportanti li jitqiesu s-soluzzjonijiet u l-vantaġġi li s-sistema ta' disinni tal-Komunità ttiprovdil lill-impriżi li jkunu jistgħu li jkollhom drittijiet ta' disinn;~~

↓ 98/71/KE premessa 5 (adattat)

~~Billi jeħtieġ li ssir approssimazzjoni sħieħa tal-liġijiet dwar disinni ta' l-Istati Membri, u jkun biżżejjed jekk l-approssimazzjoni tkun limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li l-aktar li għandhom effett dirett fuq it-tmexxja tas-suq intern; billi dispożizzjonijiet dwar pjeni, rimedji u infurzar għandhom jitħallew taħt il-liġi nazzjonali; billi din l-approssimazzjoni limitata mhix biżżejjed biex l-għanijiet tagħha ikunu jistgħu jintlaħqu mill-Istati Membri meta dawn jaġixxu wehldhom;~~

↓ 98/71/KE premessa 6 (adattat)

~~Billi Stati Membri għandhom għalhekk jibqgħu ħielsa li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet proċedurali dwar reġistrazzjoni, tiġdid u invalidazzjoni ta' drittijiet ta' disinn u dispożizzjonijiet dwar l-effetti ta' dik l-invalidità;~~

↓ ġdid

- (2) Id-Direttiva 98/71/KE armonizzat id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi sostantiva tal-Istati Membri dwar id-disinni li fil-mument tal-adozzjoni tagħha kienu meqjusin li jaffettwaw direttament l-aktar il-funzjonament tas-suq intern billi jxekklu l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-Unjoni.
- (3) Il-protezzjoni tad-disinni fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri teżisti flimkien mal-protezzjoni disponibbli fil-livell tal-Unjoni permezz tad-disinni tal-Unjoni Ewropea (“disinni tal-UE”) li għandhom karattru unitarju u li huma validi fl-Unjoni kollha kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002³. Il-koeżistenza u l-bilanċ tas-

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinni Komunitarji (ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1).

sistemi ta' protezzjoni tad-disinji fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni jikkostitwixxu l-pedament tal-approċċ tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali.

- (4) F'konformità mal-aġenda tagħha għal Regolamentazzjoni Ahjar⁴ biex tirreżamina l-politiki tal-UE b'mod regolari, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji fl-Unjoni li involviet valutazzjoni ekonomika u legali komprensiva, appoġġata minn sensiela ta' studji.
- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Novembru 2020 dwar il-politika tal-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni⁵, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 u tad-Direttiva 98/71/KE. Ir-reviżjoni ntalbet minħabba l-ħtieġa li jiġu modernizzati s-sistemi tad-disinji industrijali u li l-protezzjoni tad-disinji ssir aktar attraenti għad-disinjaturi u għan-negozji individwali, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. B'mod partikolari, dik ir-reviżjoni ntalbet tindirizza u tikkunsidra emendi li għandhom l-għan li jappoġġaw u jsaħħu r-relazzjoni tal-komplementarjetà bejn is-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji tal-Unjoni u dawk nazzjonali u reġjonali, u tinvolvi aktar sforzi biex jitnaqqsu d-diverġenzi fis-sistema ta' protezzjoni tad-disinji fl-Unjoni.
- (6) Abbażi tar-riżultati finali tal-evalwazzjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 "Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE. Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE"⁶, il-Kummissjoni ħabbret li se tirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-disinji, wara r-riforma b'suċċess tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trademarks.
- (7) Fir-rapport tiegħu tal-10 ta' Novembru 2021 dwar il-pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali⁷, il-Parlament Ewropew laqa' r-rieda tal-Kummissjoni li timmodernizza l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-disinji, stieden lill-Kummissjoni tkompli tarmonizza l-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-invalidazzjoni fl-Istati Membri, u ssuġġerixxa li ssir riflessjoni dwar l-allinjament tad-Direttiva 98/71/KE u r-Regolament (KE) Nru 6/2002 bl-għan li tinholq ċertezza legali akbar.
- (8) Il-konsultazzjoni u l-evalwazzjoni wrew li, minkejja l-armonizzazzjoni preċedenti tal-liġijiet nazzjonali, aktar armonizzazzjoni f'ċerti oqsma jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività u t-tkabbir.
- (9) Sabiex jiġi żgurat suq intern li jiffunzjona tajjeb, u biex jiġu ffaċilitati, fejn xieraq, l-akkwist, l-amministrazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-disinn fl-Unjoni għall-benefiċċju tat-tkabbir u l-kompetittività tan-negozji fl-Unjoni, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-interessi tal-konsumaturi, jeħtieġ li l-approssimazzjoni tal-liġijiet miksuba bid-Direttiva 98/71/KE tiġi estiża għal aspetti oħra tal-liġi sostantiva dwar id-disinji li tirregola d-disinji protetti permezz tar-reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 6/2002.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE, COM(2015) 215 final.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika dwar il-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni 2020/C 379 I/01 (ĠU C 379I, 10.11.2020, p. 1).

⁶ Il-Komunikazzjoni (COM/2020/760 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE. Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE.

⁷ Ir-Rapport dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'sostenn għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (2021/2007(INI)).

- (10) Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li r-regoli proċedurali jiġu approssimati sabiex jiġu ffaċilitati l-akkwist, l-amministrazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-disinn fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu allinjati ċerti regoli proċedurali prinċipali fil-qasam tar-reġistrazzjoni tad-disinji fl-Istati Membri u fis-sistema tad-disinji tal-UE. Fir-rigward tal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali, ikun biżżejjed li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew liberi sabiex jistabbilixxu regoli aktar speċifiċi.

↓ 98/71/KE premissa 7 (adattat)

- (11) Din id-Direttiva ma teskludix l-applikazzjoni għal disinji ta' liġijiet nazzjonali jew ~~tal-Komunità~~ tal-Unjoni li jipprovdu protezzjoni minbarra dik mogħtija permezz tar-reġistrazzjoni jew tal-pubblikazzjoni bħala disinn, bħalma huma l-liġijiet dwar id-drittijiet tad-disinji mhux reġistrati, it-trademarks, il-privattivi u l-mudelli tal-utilità, il-kompetizzjoni inġusta jew ir-responsabbiltà ċivili.

↓ 98/71/KE premissa 8
⇒ ġdid

- (12) ~~Billi, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni ta' liġi tad-dritt ta' l-awtur, Hhuwa importanti li jkun stabbilit il-prinċipju tal-kumulazzjoni tal-protezzjoni skont liġi speċifika dwar il-protezzjoni tad-disinji reġistrati u skont il-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur, filwaqt li Stati Membri jitħallew ħielsa li jistabbilixxu sa fejn għandha tingħata l-protezzjoni tad-dritt ta' l-awtur u l-kondizzjonijiet li jirregolaw dik il-protezzjoni, ⇒ fejn id-disinji protetti bid-drittijiet tad-disinn jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll biex jiġu protetti bħala xogħlijiet bi drittijiet tal-awtur, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur.~~

↓ 98/71/KE premissa 9 (adattat)
⇒ ġdid

- (13) Biex jintlaħqu l-oġġettivi tas-suq intern jeħtieġ li l-kondizzjonijiet għall-ksib ta' dritt ta' disinn reġistrat ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha.
- (14) Għal ~~dak~~ dan il-fini jeħtieġ li ~~tingħata definizzjoni waħda tal-kunċett~~ jingħataw definizzjonijiet unitarji tal-kunċetti ta' disinn u ta' prodott, li jkunu ċari, trasparenti u teknoloġikament aġġornati filwaqt li titqies ukoll il-miġja ta' disinji ġodda li ma jkunux inkorporati fi prodotti fiżiċi. Mingħajr ma l-lista tal-prodotti rilevanti tkun eżawrjenti, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn il-prodotti inkorporati f'oġġett fiżiku, viżwalizzati fi grafika, jew li huma evidenti mill-arranġament spazjali ta' oġġetti maħsuba biex jiffurmaw, b'mod partikolari, ambjent intern. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-moviment, it-tranżizzjoni jew kwalunkwe tipi oħra ta' animazzjoni tal-karatteristiċi jistgħu jikkontribwixxu għad-dehra tad-disinji, b'mod partikolari dawk li mhumie x inkorporati f'oġġett fiżiku.
- (15) ~~billi għal dak il-fini jeħtieġ li tingħata definizzjoni waħda~~ Barra minn hekk, hemm bżonn li tingħata definizzjoni unitarja tar-rekwiżiti tan-novità u tal-karattru individwali li magħhom iridu jikkonformaw id-drittijiet tad-disinji reġistrati.

↓ 98/71/KE premessa 10 (adattat)

- (16) ~~Billi huwa essenzjali, b'le~~ Biex ikun faċilitat il-moviment ħieles tal-prodotti, ☒ jeħtieġ ☒ li jkun assigurat/ġurat fil-prinċipju li drittijiet tad-disinji reġistrati jagħtu protezzjoni lid-detenturi tad-dritt li tkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha.
-

↓ 98/71/KE premessa 11

- (17) Il-protezzjoni tingħata permezz ta' reġistrazzjoni, għad-detenturi tad-dritt, ta' dawk il-karatteristiċi tad-disinn ta' prodott, kollu jew parti minnu, li jintwerew b'mod viżibbli f'applikazzjoni u jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' pubblikazzjoni jew konsultazzjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti.
-

↓ 98/71/KE premessa 12 (adattat)
⇒ ġdid

- (18) ⇒ Filwaqt li l-karatteristiċi tad-disinn ma għandhomx għalfejn ikunu viżibbli f'xi ħin jew sitwazzjoni partikolari sabiex jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-disinn, bħala eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, ⇨ il-protezzjoni ~~m'għandhiex tkun~~ jenħtieġ li ma tkunx estiża għal dawk il-partijiet komponenti li ma jkunux viżibbli waqt l-użu normali ta' prodott ⇒ kumpless ⇨, jew għal dawk il-karatteristiċi ta' dik il-parti li ma jkunux jidhru meta l-parti tkun immuntata, jew li wehldhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tan-novità jew tal-karattru individwali; ☒ Għaldaqstant, dawk ☒ ~~billi l-karatteristiċi~~ il-karatteristiċi tad-disinn ⇒ ta' partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi ⇨ li huma esklużi mill-protezzjoni għal dawk ir-raġunijiet ~~m'għandhomx jittqiesu~~ jenħtieġ li ma jittqisux biex jiġi eżaminat jekk hemmx karatteristiċi oħra tad-disinn li jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jiksbu l-protezzjoni;
-

↓ ġdid

- (19) Għalkemm l-indikazzjonijiet tal-prodott ma jaffettwawx l-ambitu tal-protezzjoni tad-disinn bħala tali, flimkien mar-rappreżentazzjoni tad-disinn jistgħu jservu biex tiġi ddeterminata n-natura tal-prodott li huwa inkorporat fih id-disinn jew li għalih huwa maħsub li jiġi applikat. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet tal-prodott itejbu l-kapaċità tat-tiftix tad-disinji fir-reġistri tad-disinji miżmuma mill-uffiċċji tal-proprjetà industrijali. Għalhekk, indikazzjonijiet preċiżi tal-prodott li jiffaċilitaw it-tiftix u jżidu t-trasparenza u l-aċċessibbiltà ta' reġistru jenħtieġ li jiġu żgurati qabel ir-reġistrazzjoni, mingħajr ma jinxteħet piż żejjed fuq l-applikanti.
-

↓ 98/71/KE premessa 13
⇒ ġdid

- (20) ~~Billi biex isir magħruf~~ Il-valutazzjoni dwar jekk disinn għandux karattru individwali ~~jiddependi~~ jenħtieġ li tkun ibbażata fuq jekk l-impressjoni ġenerali mogħtija lil utent informat li qed jara d-disinn tkunx ~~tasaw~~ differenti minn dik li jagħtuh ⇒ disinji oħra

li jiffurmaw parti ⇨ mid-disinji kollha eżistenti, ~~meħud kont tan-natura~~ filwaqt li titqies in-natura tal-prodott li għalih ~~id-disinn japplika~~ jiġi applikat id-disinn jew li jkun inkorporat fih id-disinn, u partikolarment is-settur industrijali tiegħu u kemm kien liberu d-disinjatur meta żviluppa d-disinn;

↓ 98/71/KE premessa 14

⇒ ġdid

- (21) L-innovazzjoni teknoloġika ~~m'għandhiex tkun~~ jenħtieġ li ma tkunx imxekkla bl-għoti ta' protezzjoni tad-disinn lil ⇨ disinji li jikkonsistu esklussivament minn ⇨ karatteristiċi ⇨ jew mill-arranġament ta' karatteristiċi ⇨ li jkunu dettati biss minn funzjoni teknika; Din tinftiehem li disinn ma għandux għalfejn ikollu xi kwalità estetika. ⇨ Dritt ta' disinn reġistrat jista' jiġi ddikjarat invalidu meta l-ebda kunsiderazzjonijiet oħra għajr il-ħtieġa li dak il-prodott jaqdi xi funzjoni teknika, b'mod partikolari dawk relatati mal-karatteristiċi tad-dehra, ma kellha rwol fl-għażla tal-karatteristiċi tad-dehra. ⇨
- (22) Bl-istess mod, l-interoperabilità tal-prodotti ta' għamliet differenti ~~m'għandhiex tkun~~ jenħtieġ li ma tkunx imxekkla billi l-protezzjoni tiġi estiża għad-disinn tal-aċċessorji mekkaniċi. ~~billi l-karatteristiċi ta' xi disinn li huma esklużi minn protezzjoni għal dawn ir-raġunijiet m'għandhomx jitqiesu biex ikun eżaminat jekk karatteristiċi oħrajn tad-disinn jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' protezzjoni;~~
-

↓ 98/71/KE premessa 15

- (23) L-aċċessorji mekkaniċi tal-prodotti modulari iżda jistgħu jikkostitwixxu element importanti tal-karatteristiċi innovattivi ta' prodotti modulari u huma assi ewlieni tal-kummerċjalizzazzjoni ~~ta' ġid kbir għall-marketing~~ u għalhekk jenħtieġ li jkunu ~~għandhom ikunu~~ eliġibbli għall-protezzjoni.
-

↓ 98/71/KE premessa 16 (adattat)

- (24) ☒ Jenħtieġ li ma jkunx ☒ ~~M'għandux ikun~~ hemm dritt ta' disinn għal disinn li jmur kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità. Din id-Direttiva ma tikkostitwix armonizzazzjoni ta' kunċetti nazzjonali ta' ordni pubbliku jew prinċipji aċċettati tal-moralità.
-

↓ 98/71/KE premessa 17

- (25) Għal funzjonament bla xkiel tas-suq intern hu fundamentali li jiġi unifikat il-perjodu tal-protezzjoni mogħtija mid-drittijiet tad-disinji reġistrati.

↓ 98/71/KE premissa 18 (adattat)

- (26) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli ~~ta' kompetizzjoni~~ dwar il-kompetizzjoni skont l-Artikoli ~~☒~~ 101 ~~☒~~ ~~85~~ u ~~☒~~ 102 ~~☒~~ ~~86~~ tat-Trattat~~☒~~ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~☒~~.
-

↓ 98/71/KE premissa 19 (adattat)

~~Billi l-adozzjoni ta' malajr ta' din id-Direttiva saret ħaġa urġenti għal għadd ta' setturi industrijali; billi l-approssimazzjoni fl-intier tagħha tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-użu ta' disinnji protetti għall-fini li tkun permessa t-tiswija ta' prodott kumpless biex jerġa' jkollu d-dehra oriġinali tiegħu, fejn il-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li għalih ikun applikat id-disinn jikkostitwixxi komponent ta' prodott kumpless li fuq id-dehra tiegħu jiddependi d-disinn protett, ma tistax issir f'dan l-istadju; billi n-nuqqas ta' approssimazzjoni fl-intier tagħha tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-użu ta' disinnji protetti għal dik it-tiswija ta' prodott kumpless m'għandux jikkostitwixxi ostakolu għall-approssimazzjoni ta' dawkl id-dispożizzjonijiet l-oħra nazzjonali ta' liġijiet dwar disinn li l-aktar li għandhom effett dirett fuq it-tnexxija tas-suq intern; illi għal din ir-raġuni l-Istati Membri għandhom fil-frattemp iżommu fis-seħħ kull dispożizzjoni li tkun konformi ma' dan it-Trattat dwar l-użu tad-disinn ta' parti komponenti użata għall-fini ta' tiswija ta' prodott kumpless biex jerġa' jkollu d-dehra oriġinali tiegħu, jew, jekk iġibu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda dwar dak l-użu, l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jkun biss li jilliberalizza s-suq għal dawkl il-partijiet; billi dawkl l-Istati Membri li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, ma jipprovdux għall-protezzjoni għal disinnji ta' partijiet komponenti, ma jkunux meħtieġa li jdaħħlu r-reġistrazzjoni ta' disinnji għal dawkl il-partijiet; billi tlett snin wara d-data ta' implimentazzjoni l-Kummissjoni għandha tissottometti analiżi tal-konsegwenzi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq l-industrija tal-Komunità, fuq il-konsumaturi, fuq il-kompetizzjoni u fuq it-tnexxija tas-suq intern; billi, dwar partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi, l-analiżi għandha, b'mod partikolari, tikkonsidra l-armonizzazzjoni a-bażi ta' għażliet possibbli, magħduda sistema ta' ħlas u perjodu limitat ta' esklussività; billi, sa mhux aktar tard minn sena wara s-sottomissjoni ta' l-analiżi tagħha, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-partijiet l-aktar milquta, tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bidliet għal din id-Direttiva li jkunu meħtieġa biex ikun komplut is-suq intern għal partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi, u bidliet oħra li hija tqis li jkunu meħtieġa;~~

↓ 98/71/KE premissa 20 (adattat)

~~Billi d-dispożizzjoni transitorja fl-Artikolu 14 dwar id-disinn ta' parti komponenti użata għall-fini tat-tiswija ta' xi prodott kumpless biex jerġa' jkollu d-dehra oriġinali tiegħu m'għandha bl-ebda mod tfixxer li tkun ta' ostakolu għall-moviment liberu ta' prodott li jikkostitwixxi dik il-parti komponenti;~~

- (27) ~~Għandu jkun hemm lista kompleta tar-raġunijiet sostantivi~~ Ir-raġunijiet sostantivi
⇒ għan-nonreġistrabbiltà ⇐ ~~biex reġistrazzjoni tkun rifjutata f'dawk l-Istati Membri li~~
~~jipprovdu għal eżami fil-mertu ta' l-applikazzjonijiet qabel ir-reġistrazzjoni, u tar-~~
~~raġunijiet r-raġunijiet~~ sostantivi għall-invalidar ta' drittijiet ta' disinni reġistrati fl-Istati
Membri kollha; ⇔ jenħtieġ li jkunu enumerati b'mod eżawrjenti ⇔

- (28) Fid-dawl tal-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji tal-istampar 3D f'diversi industrij, u l-isfidi li jiffaċċjaw id-detenturi tad-drittijiet tad-disinn biex jipprevjenu b'mod effettiv l-ikkupjar illeġittimu u faċli tad-disinni protetti tagħhom, huwa xieraq li jiġi previst li l-ħolqien, it-tniżżil, l-ikkupjar u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kwalunkwe mezz jew software li jirrekordja d-disinn, għall-fini tar-riproduzzjoni ta' prodott li jikser id-disinn protett, iwassal biex l-użu tad-disinn ikun soġġett għall-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-dritt.
- (29) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-disinni u biex l-iffalsifikar jiġi miġġieled b'mod aktar effettiv, u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri skont il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari l-Artikolu V tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ dwar il-libertà ta' tranżitu u, fir-rigward tal-mediċini ġeneriċi, id-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, id-detentur ta' dritt ta' disinn reġistrat jenħtieġ li jkun intitolat li jipprevjeni lil partijiet terzi milli jġibu prodotti minn pajjiżi terzi fl-Istat Membru fejn id-disinn huwa rreġistrat mingħajr ma jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, meta d-disinn ikun inkorporat jew applikat b'mod identiku f'dawk il-prodotti, jew fl-aspetti essenzjali tiegħu, mingħajr l-awtorizzazzjoni, jew meta ma tistax issir distinzjoni tad-disinn minn dawk il-prodotti fl-aspetti essenzjali tad-dehra tiegħu.
- (30) Għal dan l-għan, jenħtieġ li jkun permissibbli għad-detenturi tad-drittijiet tad-disinni reġistrati li jipprevjenu d-dħul ta' prodotti ta' ksur u t-tqegħid tagħhom fis-sitwazzjonijiet doganali kollha, inkluż, b'mod partikolari, it-tranżitu, it-trasbord, il-ħżin, iż-żoni ħielsa, il-ħżin temporanju, l-ipproċessar attiv jew id-dħul temporanju, anke meta dawk il-prodotti ma jkunux maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat. Fit-twettiq tal-kontrolli doganali, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jeżerċitaw is-setgħat u jużaw il-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, anke fuq talba tad-detentur tad-dritt. B'mod partikolari, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jwettqu l-kontrolli rilevanti abbażi ta' kriterji ta' analiżi tar-riskju.
- (31) Sabiex il-ħtieġa li jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-drittijiet tad-disinn tiġi rikonċiljata mal-ħtieġa li jiġi evitat it-tfixkil tal-fluss liberu tal-kummerċ tal-prodotti leġittimi, l-intitolament tad-detentur tad-dritt tad-disinn jenħtieġ li jiskadi meta, matul il-proċedimenti sussegwenti mibdiya quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew awtorità

⁸

Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15).

kompetenti oħra biex tittieħed deċiżjoni sostantiva dwar jekk sarx ksur b'rabta mad-dritt ta' disinn reġistrat, id-dikjarant jew id-detentur tal-prodotti jkun jista' juri li s-sid tad-dritt ta' disinn reġistrat mhux intitolat li jipprojbixxi l-introduzzjoni tal-prodotti fis-suq tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

- (32) Id-drittijiet esklussivi mogħtija minn dritt ta' disinn reġistrat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal sett xieraq ta' limitazzjonijiet. Minbarra l-użu privat u mhux kummerċjali u l-atti magħmula għal finijiet sperimentali, dik il-lista tal-użi permissibbli jenħtieġ li tinkludi l-atti ta' riproduzzjoni għall-finijiet ta' kwotazzjonijiet jew ta' taġġim, l-użu referenzjali fil-kuntest tar-reklamar komparattiv, u l-użu għall-fini ta' kumment jew parodija, dment li daww l-atti jkunu kompatibbli ma' prattiki tal-kummerċ ġust u ma jippreġudikawx l-isfruttament normali tad-disinn bla bżonn. L-użu ta' disinn minn partijiet terzi għall-fini ta' espressjoni artistika jenħtieġ li jitqies bħala ġust dment li fl-istess ħin ikun f'konformità ma' prattiki onesti f'materji industrijali u kummerċjali. Barra minn hekk, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi applikata b'mod li jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni.
- (33) Il-protezzjoni tad-disinji għandha l-għan li tagħti drittijiet esklużivi lid-dehra ta' prodott, iżda mhux monopolju fuq il-prodott bħala tali. Fil-fatt, il-protezzjoni tad-disinji li ma hemmx alternattiva prattika għalihom twassal għal monopolju tal-prodott. Tali protezzjoni tqarreb lejn abbuż tas-sistema ta' protezzjoni tad-disinji. Jekk partijiet terzi jitħallew jipproduċu u jgassmu l-ispare parts, il-kompetizzjoni tinżamm. Jekk il-protezzjoni tad-disinji tiġi estiża għall-ispare parts, tali partijiet terzi jiksru daww id-drittijiet, il-kompetizzjoni tiġi eliminata, u d-detentur tad-dritt tad-disinn jingħata *de facto* monopolju tal-prodott.
- (34) Meta l-prodott li jinkorpora d-disinn jew li għalih jiġi applikat id-disinn ikun jikkostitwixxi parti komponenti li tiddependi fuq il-forma ta' prodott kumpless, id-differenzi fil-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-użu tad-disinji protetti għall-fini li tkun permessa t-tiswija ta' prodott kumpless ħalli tiġi restawrata d-dehra oriġinali tiegħu, jaffettwaw direttament l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Tali differenzi jfikklu l-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern, u jgħolqu inċertezza legali.
- (35) Għalhekk, għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fih, jeħtieġ li l-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-disinji jiġu approssimati fir-rigward tal-użu tad-disinji protetti għall-fini ta' tiswija ta' prodott kumpless sabiex tiġi restawrata d-dehra oriġinali tiegħu, billi tiddaħħal klawżola ta' tiswija simili għal dik li hemm fir-Regolament (KE) Nru 6/2002 u li tkun applikabbli għad-disinji tal-UE fil-livell tal-Unjoni iżda li tapplika b'mod espliċitu biss għall-partijiet komponenti li jiddependu fuq il-forma ta' prodotti kumplessi. Peress li l-effett maħsub ta' tali klawżola ta' tiswija huwa li d-drittijiet tad-disinn isiru mhux infurzabbli meta d-disinn tal-parti komponenti ta' prodott kumpless jintuża għall-fini ta' tiswija ta' prodott kumpless sabiex tiġi restawrata d-dehra oriġinali tiegħu, il-klawżola ta' tiswija jenħtieġ li titqiegħed mad-difiżi disponibbli għall-ksur tad-dritt tad-disinn skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati, iżda jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata bejn prodotti kompetituri li jistgħu jintużaw għat-tiswija, jenħtieġ li jkun espliċitu wkoll fil-liġi li l-klawżola ta' tiswija ma tistax tiġi invokata mill-manifattur jew mill-bejjieġh ta' parti komponenti li jkunu naqsu milli jinfurmaw kif xieraq lill-konsumaturi dwar l-orijini tal-prodott li għandu jintuża għall-fini ta' tiswija tal-prodott kumpless.

- (36) Sabiex jiġi evitat li kondizzjonijiet diverġenti fl-Istati Membri rigward l-użu preċedenti jikkawżaw differenzi fis-saħħa legali tal-istess disinn fi Stati Membri differenti, huwa xieraq li jiġi żgurat li kwalunkwe persuna terza li tista' tistabbilixxi li qabel id-data tal-infilzar ta' applikazzjoni tad-disinn jew, jekk tiġi dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità, din kienet bdiet tuża *in bona fede* fi Stat Membru, jew kienet għamlet preparazzjonijiet serji u effettivi biex tibda tuża disinn inkluż fl-ambitu tal-protezzjoni ta' dritt ta' disinn reġistrat, li ma jkunx ġie kkupjat minn dan tal-aħħar, jenħtieġ li tkun intitolata għal sfruttament limitat ta' dak id-disinn.
- (37) Sabiex jittejjeb u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-protezzjoni tad-disinji u biex jiżdiedu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, il-proċedura għar-reġistrazzjoni tad-disinji fl-Istati Membri jenħtieġ li tkun effiċjenti u trasparenti u jenħtieġ li ssegwi regoli simili għal dawk applikabbli għad-disinji tal-UE.
- (38) Għal dan l-għan, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti regoli komuni dwar ir-rekwiżiti u l-mezzi tekniċi għar-rappreżentazzjoni ċara u preċiża tad-disinji bi kwalunkwe forma ta' riproduzzjoni viżiva fl-istadju tal-infilzar, filwaqt li jitqies l-avvanz tekniku għall-viżwalizzazzjoni tad-disinji u l-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward ta' disinji (diġitali) ġodda. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu standards armonizzati permezz ta' konverġenza tal-prattiki.
- (39) Għal effiċjenza akbar, huwa xieraq ukoll li l-applikanti tad-disinji jitħallew jikkombinaw diversi disinji f'applikazzjoni multipli waħda mingħajr ma jkunu soġġetti għall-kundizzjoni li l-prodotti li fihom huma maħsuba li jiġu inkorporati d-disinji, jew li għalihom huma maħsuba li jiġu applikati d-disinji, iridu jkunu jappartjenu kollha għall-istess klassi tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tad-Disinji Industrijali.
- (40) Il-pubblikazzjoni normali wara r-reġistrazzjoni ta' disinn tista' f'xi każijiet teqred jew tipperikola s-suċċess ta' operazzjoni kummerċjali li tinvolvi d-disinn. F'każijiet bħal dawn, il-faċilità ta' differiment tal-pubblikazzjoni toffri soluzzjoni. Għal raġunijiet ta' koerenza u aktar ċertezza legali, u għalhekk biex in-negozji jiġu megħjuna jnaqqsu l-kostijiet tal-ġestjoni tal-portafolli tad-disinji, id-differiment tal-pubblikazzjoni jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess regoli fl-Unjoni.
- (41) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji, u jiġi pprovdut l-istess livell ta' aċċess għall-protezzjoni tad-disinji fl-Unjoni kollha billi l-piżijiet tar-reġistrazzjoni u piżijiet proċedurali oħra fuq l-applikanti jkunu minimi kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-uffiċċji ċentrali kollha tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri jillimitaw, bħalma jagħmel l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) fil-livell tal-Unjoni, l-eżami sostantiv tagħhom *ex officio* għan-nuqqas ta' raġunijiet tan-nonreġistrabbiltà enumerati b'mod eżawrjenti f'din id-Direttiva.
- (42) Għall-fini li jiġu offruti mezzi effiċjenti biex id-drittijiet tad-disinn jiġu ddikjarati invalidi, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu proċedura amministrattiva għal dikjarazzjoni tal-invalidità li tkun allinjata sal-punt xieraq għal dak applikabbli għad-disinji reġistrati tal-UE fil-livell tal-Unjoni.
- (43) Huwa mixtieq li l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprietà Intellettuali jikkooperaw ma' xulxin u mal-EUIPO fl-oqsma kollha tar-reġistrazzjoni u l-amministrazzjoni tad-disinji sabiex jippromwov u l-konverġenza tal-prattiki u l-għodod, bħall-ħolqien u l-aġġornament tal-bażijiet tad-data u l-portali komuni jew konnessi għall-finijiet ta' konsultazzjoni u tiftix. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà

industrijali tagħhom u l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprietà Intellettwali jikkooperaw ma' xulxin u mal-EUIPO fl-oqsma l-oħra kollha tal-attivitajiet tagħhom li huma rilevanti għall-protezzjoni tad-disinji fl-Unjoni.

- (44) Peress li l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jitrawwem u jinholq suq intern li jiffunzjona tajjeb u li jiġu ffaċilitati r-reġistrazzjoni, l-amministrazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-disinn fl-Unjoni għall-benefiċċju tat-tkabbir u l-kompetittività fejn xieraq, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- (45) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u ta opinjoni fi
- (46) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħteġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva 98/71/KE. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ minn dik id-Direttiva ta' qabel.
- (47) Jenħteġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limitu taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I,

↓ 98/71/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

⊠ DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI ⊠

Artikolu 1~~2~~

~~Qasam ta' l-applikazzjoni~~ Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva ~~għandha~~ tapplika għal:
 - (a) id-drittijiet tad-disinji reġistrati fl-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri;
 - (b) id-drittijiet tad-disinji reġistrati fl-Uffiċċju ~~tad-Disinn~~ tal-Benelux ⊠ għall-Proprietà Intellettwali ⊠ ;
 - (c) id-drittijiet tad-disinji reġistrati skont arranġamenti internazzjonali li jkollhom effett fi Stat Membru;

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (d) l-applikazzjonijiet ~~għal drittijiet~~ tad-drittijiet tad-disinji msemmija ~~fil-punti~~ (a), (b) u (c).
2. Għall-fini ta' din id-Direttiva, reġistrazzjoni ta' disinn għandha tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni wara l-infilzar tad-disinn fl-uffiċċju tal-proprjetà industrijali ta' Stat Membru li fih dik il-pubblikazzjoni jkollha l-effett li ddaħħal dritt tad-disinn fis-seħħ.

Artikolu 2~~4~~

Definizzjonijiet

~~Għall-fini~~ ☒ Għall-finijiet ☒ ta' din id-Direttiva ☒, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ☒:

↓ ġdid

- (1) “uffiċċju” tfisser l-uffiċċju ċentrali tal-proprjetà industrijali inkarigat bir-reġistrazzjoni tad-disinji minn Stat Membru wieħed jew aktar;
- (2) “reġistru” tfisser ir-reġistru tad-disinji miżmum minn uffiċċju;

↓ 98/71/KE (adattat)
⇒ ġdid

- (3~~a~~) “disinn” tfisser id-dehra tal-prodott kollu jew parti minnu li tirriżulta mill-karatteristiċi, b'mod partikolari, ~~ta' linji, kontorni, kuluri, għamla, nisgail-linji, il-kontorni, il-kuluri, l-għamla, in-nisġa, u/jew il-materjali tal-prodott innifsu u/jew it-tiżjin tiegħu~~ ⇒, inkluż il-moviment, it-tranżizzjoni jew kwalunkwe tip ieħor ta' animazzjoni ta' dawk il-karatteristiċi ☒;
- (4~~b~~) “prodott” tfisser kull oġġett industrijali jew ta' artiġjanat, ☒ għajr il-programmi tal-kompjuter, ☒ ⇒ irrispettivament minn jekk ikunx inkorporat f'oġġett fiżiku jew minn jekk jimmaterjalizzax f'forma diġitali ☒ ~~magħduda, fost l-oħrajn, inkluż:~~
- (a) ~~partijiet maħsuba biex jiffurmaw prodott kumpless;~~ ⇒ settijiet ta' oġġetti, ☒ preżentazzjoni, ⇒ arranġament spazjali ta' oġġetti maħsuba biex jiffurmaw, b'mod partikolari, ambjent intern, ☒ ☒ u partijiet maħsuba biex jiġu assemblati fi prodott kumpless; ☒
- (b) simboli ⇒ jew xogħlijiet ☒ grafiċi ⇒, logos, disinji tas-superfiċje, ☒ ~~u~~ karattri tipografiċi, ⇒ u interfaċċi grafiċi għall-utenti ☒ ~~iżda mhux magħduda programmi għal-kompjuter;~~
- (5~~e~~) “prodott kumpless” tfisser prodott li jkun magħmul minn diversi komponenti li jkunu jistgħu jinbidlu jekk il-prodott ikun jista' jiżżarma u jintrama mill-ġdid.

KAPITOLU 2

☒ LIĠI SOSTANTIVA DWAR ID-DISINJI ☒

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-protezzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipproteġu d-disinj ☒ biss ☒ permezz tar-reġistrazzjoni ☒ tad-disinj ☒ , u għandhom jagħtu d-drittijiet esklussivi lid-detenturi tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
2. Disinn għandu jkun protett minn dritt tad-disinn jekk dan ikun ġdid u jkollu karattru individwali.
3. Disinn applikat għal prodott jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jitqies biss li hu ġdid u li għandu karattru individwali:
 - (a) jekk il-parti komponenti, ladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' viżibbli waqt l-użu normali ta' dan tal-aħħar; u
 - (b) sakemm daww il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jissodisfaw minnhom infushom ir-rekwiżiti tan-novità u tal-karattru individwali.
4. "Użu normali" skont it-tifsira tal-punt (a) tal-paragrafu (3) ~~(a)~~, tfisser użu mill-utent finali, għajr il-manutenzjoni, is-servisjar ~~servis~~ jew it-tiswija.

Artikolu 4

Novità

Disinn għandu jitqies ġdid jekk ma jkunx hemm disinn identiku disponibbli għall-pubbliku qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni jew, jekk tkun ġiet dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità. Id-disinj għandhom jitqiesu identiċi jekk il-karatteristiċi tagħhom ikunu differenti biss fid-dettalji irrilevanti.

Artikolu 5

Karattru individwali

1. Disinn jitqies li għandu karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jagħti lill-utent infurmat tiegħu tkun differenti minn dik li jagħti lil dak l-utent disinn ieħor li kien disponibbli għall-pubbliku qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni jew, jekk tkun ġiet dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità.
2. Fil-valutazzjoni tal-karattru individwali, għandu jitqies kemm kien liberu d-disinjatur meta żviluppa d-disinn.

Artikolu 6

Żvelar

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5, disinn għandu jitqies disponibbli għall-pubbliku jekk ikun ġie ppubblikat wara r-reġistrazzjoni jew xi mod ieħor, jew jekk ikun ġie esebit, użat fil-kummerċ jew żvelat mod ieħor, għajr meta daww is-sitwazzjonijiet ma setgħux ikunu raġonevolment magħrufa fil-kors normali tan-negożju fl-oqsma speċjalizzati tas-settur inkwistjoni, li joperaw ☒ fl-Unjoni ☒ ~~fil-Komunità~~, qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni jew, jekk tkun ġiet dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità. Id-disinn, iżda, ma għandux jitqies li jkun sar disponibbli għall-pubbliku sempliċiment għax kien ġie żvelat lil persuna terza b'kundizzjonijiet espliċiti jew impliċiti tal-kunfidenzjalità.

2. L-iżvelar ma għandux jittqies għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 jekk $\Rightarrow$ id-disinn żvelat, li jkun identiku jew li ma jvarjax fl-impressjoni ġenerali tiegħu $\Leftarrow$ ~~disinn~~ mid-disinn li għalih tiġi dikjarata protezzjoni skont dritt ta' disinn reġistrat fi Stat Membru ~~ikun tiegħed~~, ikun sar disponibbli għall-pubbliku:
 - (a) mid-disinjatur, mis-suċċessur tiegħu fit-titolu, jew minn persuna terza bħala riżultat ta' informazzjoni mogħtija jew azzjoni meħuda mid-disinjatur, jew mis-suċċessur tiegħu fit-titolu; u
 - (b) matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni jew, jekk tkun ġiet dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità.
3. Il-paragrafu 2 japplika wkoll jekk id-disinn ikun sar disponibbli għall-pubbliku minħabba xi abbuż kontra d-disinjatur jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu.

Artikolu 7

Disinji dettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinji ta' interkonnessjonijiet

1. Ma jkunux hemm dritt tad-disinn fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott meta dawn ikunu dettati biss mill-funzjoni teknika tiegħu.
2. Ma jkunx hemm dritt tad-disinn fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott meta jkollhom bilfors jiġu riprodotti fil-forma u fil-qisien eżatti tagħhom biex il-prodott, li jkun inkorporat fih id-disinn jew li għalih ikun applikat id-disinn, ikun jista' jittqabbaad mekkanikament ma' jew jittqieghed fi, madwar jew kontra prodott ieħor biex iż-żewġ prodotti jkunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom.
3. Minkejja l-paragrafu 2, għandu jkun hemm dritt tad-disinn, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, meta d-disinn ikollu l-iskop li jippermetti assemblaġġi jew konnessjonijiet multipli ta' prodotti interkambjabbli b'mod reċiproku f'sistema modulari.

Artikolu 8

Disinji kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità

Ma għandux ikun hemm dritt tad-disinn meta d-disinn imur kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità.

Artikolu 9

Ambitu tal-protezzjoni

1. L-ambitu tal-protezzjoni mogħtija minn dritt tad-disinn għandu jinkludi kull disinn li ma jagħtix impressjoni ġenerali differenti lill-utent infurmat tiegħu.
2. Meta jittqies l-ambitu tal-protezzjoni għandu jittqies kemm kien liberu d-disinjatur meta żviluppa d-disinn.

Artikolu 10

$\boxtimes$ Bidu u $\boxtimes$ l-perjodu tal-protezzjoni

~~Mar-reġistrazzjoni~~, $\boxtimes$ 1. Protezzjoni bi dritt tad-disinn reġistrat lil $\boxtimes$ disinn li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(2) ~~għandu jkun protett minn dritt ta' disinn~~ $\boxtimes$ għandha tinkiseb b'reġistrazzjoni mill-uffiċċju. $\boxtimes$.

☒ 2. Disinn reġistrat għandu jkun reġistrat ☒ għal perjodu ~~wieħed jew aktar~~ ta' ħames snin
 ☒ ikkalkulat ☒ mid-data ~~tal-infilzar tal-preżentata~~ tal-applikazzjoni ☒ tar-reġistrazzjoni ☒
 . Id-detentur tad-dritt jista' jkollu l-perjodu tal-protezzjoni mġedded għal perjodu wieħed jew
 aktar ta' ħames snin kull wieħed, sa perjodu totali ta' ħamsa u għoxrin sena mid-data ~~tal-~~
~~preżentata~~ ~~tal-infilzar~~ ☒ tal-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni ☒.

↓ ġdid

Artikolu 11

Dritt tad-disinn reġistrat

1. Id-dritt tad-disinn reġistrat għandu jingħata lid-disinjatur jew lis-suċċessur tiegħu fit-titolu.
2. Jekk id-disinn ikun ġie żviluppat b'mod konġunt minn żewġ persuni jew aktar, id-dritt tad-disinn reġistrat għandu jingħata lilhom b'mod konġunt.
3. Madankollu, meta disinn jiġi żviluppat minn impjegat waqt il-qadi ta' dmirijietu jew skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-impjegatur tiegħu, id-dritt tad-disinn reġistrat għandu jingħata lill-impjegatur, sakemm ma jkunx miftiehem jew stabbilit mod ieħor fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 12

Preżunzjoni favur id-detentur reġistrat tad-disinn

Il-persuna li f'isimha jkun ġie rreġistrat id-dritt tad-disinn jew, qabel ir-reġistrazzjoni, il-persuna li f'isimha tkun ġiet infilzata l-applikazzjoni, għandha titqies bħala l-persuna intitolata li taġixxi fil-proċediment quddiem l-uffiċċju li fit-territorju tiegħu tiġi dikjarata l-protezzjoni, kif ukoll fi kwalunkwe proċedimenti oħra.

↓ 98/71/KE (adattat)
 ⇒ ġdid

Artikolu ~~13~~ 14

~~Invalidità jew rifjut ta' reġistrazzjoni~~ ☒ Raġunijiet għan-nonreġistrabbiltà ☒

1. Ir-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tkun rifjutata, ~~jew, jekk id-disinn ikun ġie reġistrat, id-dritt tad-disinn għandu jkun dikjarat invalidu~~ ☒ meta ☒ :
 - (a) ~~jekk~~ id-disinn ma jkunx disinn skont it-tifsira ~~tal-Artikolu 1(a)~~ tal-punt (3) tal-Artikolu 2; ~~jew~~
 - (b) ~~jekk huwa~~ ☒ id-disinn ☒ ma jissodisfax ir-rekwiżiti ~~tal-Artikolu ta' l-~~ ~~Artikoli 3 sa 8~~ ~~u~~ ~~jew~~

Artikolu 14

☒ Raġunijiet għall-invalidità ☒

⊗ 1. Jekk id-disinn ikun ġie rreġistrat, id-dritt tad-disinn għandu jiġi ddikjarat invalidu meta: ⊗

⊗ (a) id-disinn ma jkunx disinn skont it-tifsira tal-punt (3) tal-Artikolu 2; ⊗

⊗ (b) id-disinn ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 8; ⊗

(c) ⇒ bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti, ⇐ ~~jekk min japplika għal jew~~ id-detentur tad-dritt tad-disinn ma jkunx intitolat għalih skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat; ~~jew~~

(d) ~~jekk~~ id-disinn ikun f'kunflitt ma' disinn preċedenti li kien sar disponibbli għall-pubbliku ~~wara d-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni jew, jekk tkun intalbet prijorità, id-data tal-prijorità, u li ilu protett minn data qabel l-imsemmija data minn disinn rreġistrat tal-Komunità jew minn applikazzjoni għal disinn rreġistrat tal-Komunità jew minn dritt ta' disinn ta' l-Istat Membru in kwistjoni, jew minn applikazzjoni għal dak id-dritt.~~ ⊗ id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni jew, jekk tiġi dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità tad-disinn: ⊗

(i) b'disinn rreġistrat ~~tal-Komunità~~ ⊗ tal-UE ⊗ jew b'applikazzjoni għal disinn rreġistrat ~~tal-Komunità~~ ⊗ tal-UE ⊗ ⇒ soġġett għar-reġistrazzjoni tiegħu; ⇐

(ii) ~~jew~~ bi dritt tad-disinn ⇒ rreġistrat ⇐ tal-Istat Membru ~~inkwistjoni~~ kkonċernat, jew b'applikazzjoni għal dak id-dritt; ⇒ soġġett għar-reġistrazzjoni tiegħu; ⇐

↓ ġdid

(iii) bi dritt tad-disinn rreġistrat skont arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fl-Istat Membru kkonċernat, jew b'applikazzjoni għal dak id-dritt soġġett għar-reġistrazzjoni tiegħu;

↓ 98/71/KE (adattat)

~~2. Kull Stat Membru jista' jipprova li reġistrazzjoni ta' disinn għandha tkun rifjutata, jew, jekk id-disinn ikun ġie rreġistrat, li d-dritt ta' disinn għandu jkun ddikjarat invalidu.~~

(~~ca~~) ~~jekk~~ f'disinn ieħor ikun intuża sinjal distintiv, u l-liġi ~~tal-Komunità~~ ⊗ tal-Unjoni ⊗ jew il-liġi tal-Istat Membru ~~inkwistjoni~~ kkonċernat li tirregola lil dak is-sinjal tagħti d-dritt lid-detentur tad-dritt tas-sinjal li jipprojbixxi dak l-użu; ~~jew~~

(~~fb~~) ~~jekk~~ id-disinn ikun jikkostitwixxi użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett bil-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur tal-Istat Membru kkonċernat; ~~jew~~

(~~ge~~) ~~jekk~~ id-disinn ikun jikkostitwixxi użu mhux xieraq ta' xi wieħed mill-oġġetti elenkati fl-Artikolu ~~6ter~~ tal-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali, jew ta' simboli, emblemi u stemmi minbarra dawk li huma koperti mill-Artikolu 6ter ~~hemm fl-Artikolu 6b~~ tal-imsemmija Konvenzjoni li jkollhom interess pubbliku partikolari fl-Istat Membru kkonċernat.

↓ ġdid

2. Ir-raġunijiet għall-invalidità previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu (1) jistgħu jiġu invokati minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika;

(b) kwalunkwe grupp jew korp stabbilit bil-fini li jirrappreżenta l-interessi ta' manifatturi, produttori, fornituri ta' servizzi, negozjanti jew tal-konsumaturi, jekk dak il-grupp jew il-korp ikollu l-kapaċità li jfittex bil-qorti u li jiġi mħarrek f'ismu stess skont it-termini tal-liġi li tirregolah.

↓ 98/71/KE (adattat)

3. Ir-raġuni ☒ għall-invalidità ☒ ~~mogħtija~~ prevista ~~fil-paragrafu 1(e)~~ fil-punt (c) tal-paragrafu 1 tista' tkun invokata biss mill-persuna li tkun intitolata għad-dritt tad-disinn skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

4. Ir-raġunijiet ☒ għall-invalidità ☒ ~~imsemmija fil-paragrafu 1(d) u fil-paragrafu 2(a) u (b)~~ previsti fil-punti (d) u (e) u (f) tal-paragrafu 1, jistgħu jkunu invokati biss ☒ minn dawn li ġejjin: ☒

(a) ~~l-applikant għat titolari jew mit titolari tad dritt f'konflitt~~ applikant għad-dritt kunfliġġenti, jew id-detentur tiegħu;

↓ ġdid

(b) il-persuni li, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, huma intitolati jeżerċitaw id-drittijiet inkwistjoni;

(c) persuna liċenzjata awtorizzata mill-proprjetarju ta' trademark jew minn detentur ta' dritt tad-disinn.

↓ 98/71/KE (adattat)

5. Ir-raġuni ☒ għall-invalidità ☒ ~~imsemmija~~ prevista fil-paragrafu ~~fil-punt (g) tal-paragrafu 1,2(e)~~ tista' tkun invokata biss mill-persuna jew l-entità ~~interessata fl-użu~~ kkonċernata mill-użu ☒ mhux xieraq ☒.

~~6. Il-paragrafi 4 u 5 huma mingħajr preġudizzju għal Stati Membri li jkunu liberi li jipprovdu li r-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 1(d) u 2(e) ikunu jistgħu jiġu nvokati wkoll mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru in kwistjoni fuq inizjattiva tagħha.~~

~~7. Meta reġistrazzjoni ta' disinn tkun rifjutata jew dritt ta' disinn ikun ġie dikjarat invalidu skont il-paragrafu 1(b) jew il-paragrafu 2, id-disinn jista' jkun reġistrat jew id-dritt ta' disinn jista' jinżamm f'forma emendata, jekk f'dik il-forma huwa jissodisfa l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u jżomm l-identità tad-disinn. Reġistrazzjoni jew manutenzjoni f'forma emendata tista' tinkludi reġistrazzjoni, flimkien ma' rinunzja parzjali mit-titolari tad-dritt ta' disinn, jew~~

~~dħul fir-reġistru tad-disinnji ta' deċiżjoni ta' qorti li tiddikjara l-invalidità parzjali tad-dritt tad-disinn.~~

~~8. Kull Stat-Membri jista' jipprova li, b'deroga mill-paragrafi 1 sa 7, ir-raġunijiet għal rifjut ta' reġistrazzjoni jew għal invalidità li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat qabel id-data li fiha d-dispożizzjonijiet ta' konformità meħtieġa għal din id-Direttiva jidhru fis-seħħ, għandhom iservu għal applikazzjonijiet għal-disinnji li jkunu saru qabel dik id-data u għal reġistrazzjonijiet li jirriżultaw.~~

↓ ġdid

6. Dritt tad-disinn ma jistax jiġi ddikjarat invalidu meta l-applikant għal dritt jew detentur ta' dritt imsemmi fil-punti (d) sa (g) tal-paragrafu 1 jagħti l-kunsens espliċitu għar-reġistrazzjoni tad-disinn qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità jew tal-kontroll.

↓ 98/71/KE

79. Dritt tad-disinn jista' jiġi ddikjarat invalidu wkoll wara l-iskadenza jew ir-rinunzja tiegħu.

↓ ġdid

Artikolu 15

Suġġett tal-protezzjoni

Għandha tingħata protezzjoni lil dawk il-karatteristiċi tad-dehra ta' disinn reġistrat li jintwerew b'mod viżibbli fl-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

↓ 98/71/KE (adattat)

Artikolu 16

Drittijiet mogħtija mid-dritt tad-disinn

1. Ir-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tagħti d-dritt esklussiv lid-detentur tiegħu li jużah u li ma jħallix jħalli lill-ebda parti terza ~~persuna li~~ tużah mingħajr il-kunsens tiegħu ☒ tad-detentur ☒.

2. ☒ Dawn li ġejjin ☒ l-użu hawn fuq imsemmi għandu jkopri, partikolarment, ☒ jistgħu jiġu pprojbiti skont il-paragrafu 1: ☒

(a) ~~il-manifattura, l-offerta, it-tqegħid fis-suq, importazzjoni, esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li jkun inkorporat fih id-disinn jew li għalih ikun applikat id-disinn;~~

☒ (b) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodott imsemmi fil-punt (a); ☒

(c) ~~jew il-ħżin dak il-prodott ta' prodott~~ ☒ imsemmi fil-punt (a) ☒ għar-raġunijiet ~~dawk ir-raġunijiet~~ ☒ imsemmija fil-punti (a) u (b); ☒

↓ ġdid

(d) il-ħolqien, it-tniżżil, l-ikkupjar u l-kondiviżjoni jew id-distribuzzjoni lil persuni oħrajn ta' kwalunkwe mezz jew software li jirrekordja d-disinn bl-għan li jippermetti l-manifattura ta' prodott imsemmi fil-punt (a).

↓ 98/71/KE

~~2. Meta, skont il-liġi ta' Stat Membru, l-atti msemmija fil-paragrafu 1 ma setgħux jinżammu milli jseħħ qabel id-data li fiha d-dispożizzjonijiet ta' konformità meħtieġa għal din id-Direttiva jkunu daħlu fis-seħħ, id-drittijiet mogħtija mid-dritt ta' disinn jistgħu ma jkunux invokati biex ma jitħallewx jissoktaw dawk l-atti minn kull persuna li tkun bdiet dawk l-atti qabel dik id-data.~~

↓ ġdid

3. B'deroga mill-Artikolu 9(1), id-detentur ta' dritt tad-disinn reġistrat għandu jkun intitolat li jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu prodotti, waqt il-kummerċ, minn pajjiżi terzi lejn l-Istat Membru meta d-disinn ikun irreġistrat, li ma jiġux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera f'dak l-Istat Membru, meta d-disinn ikun inkorporat b'mod identiku f'dawk il-prodotti jew ikun applikat b'mod identiku għalihom, jew meta d-disinn ma jkunx jista' jingħaraf minn dawk il-prodotti fl-aspetti essenzjali tiegħu, u ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni.

Id-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiskadi, jekk, matul il-proċedimenti biex jiġi ddeterminat jekk ikunx seħħ ksur tad-dritt ta' disinn reġistrat, mibdija f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013, tiġi pprovduta evidenza mid-dikjarant jew mid-detentur tal-prodotti li d-detentur tad-dritt tad-disinn reġistrat mhux intitolat li jipprojbixxi l-introduzzjoni tal-prodotti fis-suq tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

Artikolu 17

Preżunzjoni tal-validità

1. Fil-proċedimenti ta' ksur għandu jiġi preżunt, favur id-detentur tad-dritt ta' disinn reġistrat, li r-rekwiżiti stabbiliti għall-validità legali ta' dritt ta' disinn reġistrat imsemmija fl-Artikoli 3 sa 8 huma ssodisfati.
 2. Il-preżunzjoni tal-validità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun konfutabbli bi kwalunkwe mezz proċedurali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, inkluż il-kontrotalbiet.
-

↓ 98/71/KE (adattat)

Artikolu ~~18~~¹³

Limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tad-disinn

1. Id-drittijiet mogħtija minn dritt tad-disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu eżerċitati għal:

- (a) atti ~~ma għandhomx~~ ☒ mwettqa ☒ privatament u għall-finijiet mhux kummerċjali;
- (b) atti mwettqa għall-finijiet sperimentali;
- (c) ~~atti ta' riproduzzjoni għall-finijiet ta' kwotazzjoni jew ta' taħlim, biex ikunu kwotati jew għat taħlim, iżda li dawk l-atti jkunu skont il prattika ta' kummerċ ġust u ma jkunux ta' preġudizzju bla bżonn għall-użu normali tad-disinn, u li l-oriġini tagħhom ikun indikat.~~

↓ ġdid

- (d) atti mwettqa biex jiġi identifikat prodott, jew biex issir referenza għal prodott bħala dak tad-detentur tad-dritt tad-disinn;
- (e) atti mwettqa għall-finijiet ta' kumment, kritika, jew parodija;

↓ 98/71/KE

~~2. D'żjieda ma' dan, id-drittijiet mogħtija minn dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni m'għandhomx ikunu eżerċitati:~~

- ~~(fa)~~ it-tagħmir tal-vapuri u l-ajruplani reġistrati f'pajjiż ieħor meta dawn jidħlu temporanjament fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;
- ~~(gb)~~ l-importazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat ta' ~~partijiet li jinbidlu~~ spare parts u aċċessorji għall-fini ta' tiswija ta' dak l-inġenju;
- ~~(he)~~ it-twettiq ta' tiswijiet f'dak l-inġenju.

↓ ġdid

2. Il-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss meta l-atti jkunu kompatibbli ma' prattiki tal-kummerċ ġust u ma jippreġudikawx l-isfruttament normali tad-disinn bla bżonn u, fil-każ tal-punt (c), meta jissewma s-sors tal-prodott li jkun inkorporat fih id-disinn jew li għalih ikun applikat id-disinn.

Artikolu 19

Klawżola ta' tiswija

1. Ma għandhiex tingħata protezzjoni lil disinn reġistrat li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless, li fuq id-dehra tiegħu jiddependi d-disinn tal-parti komponenti, u li jintuża skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) għall-fini uniku ta' tiswija ta' dak il-prodott kumpless sabiex tiġi restawrata d-dehra oriġinali tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 ma jistax jiġi invokat mill-manifattur jew mill-bejjiegħ ta' parti komponenti ta' prodott kumpless li jkun naqas milli jinforma kif xieraq lill-konsumaturi, permezz ta' indikazzjoni ċara u viżibbli fuq il-prodott jew f'forma xierqa oħra, dwar l-oriġini

tal-prodott li għandu jintuża għall-fini ta' tiswija tal-prodott kumpless, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata bejn prodotti kompetituri li jistgħu jintużaw għat-tiswija.

3. Jekk fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tipprovdi protezzjoni għad-disinji skont it-tifsira tal-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu, b'deroga mill-paragrafu 1, ikompli sa ...[*OP jekk jogħġbok daħħal id-data = għaxar snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] biex jipprovdi dik il-protezzjoni għad-disinji li għalihom tkun ġiet applikata r-reġistrazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

↓ 98/71/KE (adattat)

~~Artikolu 14~~

Dispożizzjonijiet transitorji

~~Sakemm ikunu adottati emendi għal din id-Direttiva fuq proposta mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18, Stati Membri għandhom iżommu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet legali eżistenti tagħhom dwar l-użu tad-disinn ta' parti komponenti użata għall-fini tat-tiswija ta' prodott kumpless biex jinġieb fid-dehra oriġinali tiegħu, u għandhom jintroduċu bidliet għal dawk id-dispożizzjonijiet biss jekk l-iskop ikun li jiġi liberalizzat is-suq għal dawk il-partijiet.~~

~~Artikolu 20~~¹⁵

Eżawriment tad-drittijiet

Id-drittijiet mogħtija minn dritt tad-disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx japplikaw għal atti relatati ma' prodott li jkun inkorporat fih disinn jew li għalih ikun applikat disinn, li jkun inkluż fl-ambitu tal-protezzjoni tad-dritt tad-disinn, meta l-prodott kien tqiegħed fis-suq ☒ tal-Unjoni ☒ ~~fil-Komunità~~ mid-detentur tad-dritt tad-disinn jew bil-kunsens tiegħu.

↓ ġdid

Artikolu 21

Drittijiet tal-użu preċedenti fir-rigward ta' dritt tad-disinn reġistrat

1. Dritt tal-użu preċedenti għandu jeżisti għal kwalunkwe parti terza li tista' tistabbilixxi li qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni jew, jekk tiġi dikjarata prijorità, qabel id-data tal-prijorità, il-parti terza kienet bdiet tuża *in bona fede* fl-Istat Membru kkonċernat, jew kienet għamlet tħejijiet serji u effettivi biex tibda tuża disinn inkluż fl-ambitu tal-protezzjoni ta' dritt tad-disinn reġistrat, li ma jkunx ġie kkupjat minn din tal-aħħar.

2. Id-dritt tal-użu preċedenti għandu jintitola lill-persuna terza tisfrutta d-disinn għall-finijiet maħsuba tal-użu tiegħu, jew li għalihom ikunu saru tħejijiet serji u effettivi, qabel id-data tal-infilzar jew id-data tal-prijorità tad-dritt tad-disinn reġistrat.

Artikolu 22~~16~~

Relazzjoni ma' forom oħra ta' protezzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għal kull ~~dispożizzjoni~~ ~~dispożizzjonijiet~~ tal-liġi ☒ tal-Unjoni ☒ ~~tal-Komunità~~ tal-Istat Membru kkonċernat dwar id-drittijiet tad-disinn mhux reġistrat, trade marks jew sinjali distintivi oħra, privattivi u mudelli tal-utilità, karattri tipografiċi, responsabbiltà ċivili u kompetizzjoni inġusta.

Artikolu 23~~17~~

Relazzjoni ~~mad-dritt~~ mad-drittijiet tal-awtur

Disinn protett minn dritt tad-disinn reġistrat fi jew għal Stat Membru f'konformità ma' din id-Direttiva għandu jkun eliġibbli wkoll għall-protezzjoni ~~taħt il liġi tad-dritt tal-awtur ta' dak l-Istat~~ ☒ permezz tad-drittijiet tal-awtur ☒ mid-data meta d-disinn ikun inħoloq jew stabbilit f'xi forma, ⇒ dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur ☐. ~~Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sa fejn u l-kondizzjonijiet li bihom tingħata dik il-protezzjoni, magħdud il-grad ta' oriġinalità meħtieġ.~~

Artikolu 24

Simbolu tar-reġistrazzjoni

Id-detentur ta' dritt tad-disinn reġistrat jista' jinforma lill-pubbliku li d-disinn huwa reġistrat billi juri l-ittra D magħluqa f'ċirku fuq il-prodott li jkun inkorporat fih id-disinn jew li jkun japplika għalih id-disinn. Dan l-avviż tad-disinn jista' jkun akkumpanjat min-numru tar-reġistrazzjoni tad-disinn jew jista' jkollu iperlink għall-entrata tad-disinn fir-reġistru.

KAPITOLU 3

PROĊEDURI

Artikolu 25

Rekwiżiti tal-applikazzjoni

1. Applikazzjoni għal disinn reġistrat għandu jkun fiha mill-inqas dawn kollha li ġejjin:
 - (a) talba għar-reġistrazzjoni;
 - (b) informazzjoni li tidentifika l-applikant;
 - (c) rappreżentazzjoni tad-disinn xierqa għar-riproduzzjoni, li tippermetti li distinzjoni ċara bejn id-dettalji kollha tas-suġġett li għalih qed tintalab il-protezzjoni, u li tippermetti l-pubblikazzjoni;

- (d) indikazzjoni tal-prodotti li fihom ikun maħsub li jiġi inkorporat id-disinn jew li għalihom ikun maħsub li jiġi applikat id-disinn.
2. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn għandha tkun soġġetta għall-ħlas ta' tariffa stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat.
3. L-indikazzjoni tal-prodotti kif imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa l-ambitu tal-protezzjoni tad-disinn. Dan għandu japplika wkoll għad-deskrizzjoni li tispjega r-rappreżentazzjoni tad-disinn jekk tali deskrizzjoni tkun prevista minn Stat Membru.

Artikolu 26

Rappreżentazzjoni tad-disinn

1. Ir-rappreżentazzjoni tad-disinn, kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 25(1), għandha tkun ċara, preċiża, konsistenti u ta' kwalità biex tippermetti li d-dettalji kollha tal-kwistjoni li għaliha tkun qed tintalab il-protezzjoni jkunu distinti b'mod ċar u ppubblikati.
2. Għandha tikkonsisti fi kwalunkwe forma ta' riproduzzjoni viżiva tad-disinn, bl-iswed u l-abjad jew bil-kulur. Ir-riproduzzjoni tista' tkun statika, dinamika jew animata u għandha ssir bi kwalunkwe mezz xieraq, bl-użu ta' teknoloġija ġeneralment disponibbli, inkluż tpinġijiet, ritratti, vidjos, jew immaġni/mudellar bil-kompjuter.
3. Ir-riproduzzjoni għandha turi l-aspetti kollha tad-disinn li għalih qed tintalab il-protezzjoni f'viżwalizzazzjoni waħda jew aktar. Barra minn hekk, jistgħu jiġu pprovduti tipi oħra ta' viżwalizzazzjonijiet li jagħtu aktar dettalji dwar il-karatteristiċi speċifiċi tad-disinn, u b'mod partikolari:
- (a) viżwalizzazzjonijiet mkabbra li juru xi parti mill-prodott separatament bi skala mkabbra;
- (b) viżwalizzazzjonijiet trasversali li juru l-partijiet interni tal-prodott;
- (c) dijagrammi kompożittivi li juru separatament il-partijiet żarmati ta' prodott f'viżwalizzazzjoni waħda; jew
- (d) viżwalizzazzjonijiet parzjali li juru separatament il-partijiet ta' prodott f'viżwalizzazzjonijiet differenti.
4. Meta r-rappreżentazzjoni jkun fiha riproduzzjonijiet differenti tad-disinn jew tkun tinkludi aktar minn viżwalizzazzjoni waħda, dawn għandhom ikunu konsistenti ma' xulxin u s-suġġett tar-reġistrazzjoni għandu jiġi ddeterminat mill-karatteristiċi viżivi kollha ta' dawk il-viżwalizzazzjonijiet jew ir-riproduzzjonijiet flimkien.
5. Id-disinn għandu jiġi rrappreżentat waħdu, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe suġġett ieħor. Fuqu ma jistgħu jitqiegħed l-ebda test ta' spjegazzjoni, kliem jew simbolu.
6. Kwistjoni li għaliha ma tintalab l-ebda protezzjoni għandha tiġi indikata permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà viżivi, preferibbilment fil-forma ta' linji bit-tikek jew miksura. Jekk dan ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet tekniċi jew minħabba t-tip ta' disinn ikkonċernat, jistgħu jintużaw dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà viżivi oħra, bħal sfumaturi, konfini jew sfukar. Kull dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà viżiva ta' dan it-tip għandha tintuża b'mod konsistenti.
7. Meta r-rappreżentazzjoni tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tad-disinn, la dik id-deskrizzjoni u lanqas id-dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà verbali inklużi fiha ma

għandu jkollhom l-effett li jillimitaw jew jespandu l-ambitu tal-protezzjoni tad-disinn kif riprodott fir-rappreżentazzjoni.

8. L-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprietà Intellettuali għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea biex jistabbilixxu standards komuni li għandhom jiġu applikati għar-rekwiżiti u l-mezzi tar-rappreżentazzjoni tad-disinji, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi u l-għadd ta' viżwalizzazzjonijiet li għandhom jintużaw, it-tipi ta' dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà viżivi aċċettabbli, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezzi użati għar-riproduzzjoni, il-ħżin u l-infilzar tad-disinji, bħall-formati u d-daqs tal-fajls elettroniċi rilevanti.

Artikolu 27

Applikazzjonijiet multipli

Diversi disinji jistgħu jiġu kkombinati f'applikazzjoni multipli waħda għal disinji reġistrati. Din il-possibbiltà ma għandhiex tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-prodotti li fihom ikun maħsub li jiġi inkorporat id-disinn, jew li għalihom ikun maħsub li jiġi applikat id-disinn, ikunu jappartjenu kollha għall-istess klassi tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tad-Disinji Industrijali.

Artikolu 28

Data tal-infilzar

1. Id-data tal-infilzar ta' applikazzjoni għal disinn għandha tkun id-data meta d-dokumenti bl-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 25(1) jiġu infilzati fl-uffiċċju mill-applikant.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-iffissar tad-data tal-infilzar għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' tariffa kif imsemmi fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 29

Ambitu tal-eżaminazzjoni sostantiva

L-uffiċċji għandhom jillimitaw l-eżami tagħhom dwar jekk applikazzjoni għal disinn hix eliġibbli għal reġistrazzjoni, għan-nuqqas ta' raġunijiet sostantivi għan-nonreġistrabbiltà msemmija fl-Artikolu 13.

Artikolu 30

Differiment tal-pubblikazzjoni

1. Meta jinfilza l-applikazzjoni, l-applikant għal disinn reġistrat jista' jitlob li l-pubblikazzjoni tad-disinn reġistrat tiġi differita għal perjodu ta' 30 xahar mid-data tal-infilzar tal-applikazzjoni jew, jekk tiġi dikjarata prijorità, mid-data tal-prijorità.

2. Meta d-disinn jiġi rreġistrat, la r-rappreżentazzjoni tad-disinn u lanqas il-fajl relatat mal-applikazzjoni ma għandhom ikunu miftuħa għall-ispezzjoni tal-pubbliku, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jissalvagwardjaw l-interessi leġittimi tal-partijiet terzi.

3. Għandha tiġi ppubblikata referenza għad-differiment tal-pubblikazzjoni tad-disinn reġistrat.

4. Meta jiskadi l-perjodu ta' differiment, jew fi kwalunkwe data aktar kmieni fuq talba tad-detentur tad-dritt, l-uffiċċju għandu jiftaħ l-entrati kollha fir-reġistru tiegħu u fil-fajl relatat mal-applikazzjoni għall-ispezzjoni pubblika, u għandu jippubblika d-disinn reġistrat.

Artikolu 31

Proċedura għal dikjarazzjoni tal-invalidità

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jappellaw quddiem il-qrati, l-Istati Membri għandhom jipprevedu proċedura amministrattiva effiċjenti u mħaffa quddiem l-uffiċċji tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-invalidità ta' dritt ta' disinn reġistrat.

2. Il-proċedura amministrattiva għall-invalidità għandha tipprevedi li d-dritt tad-disinn għandu jiġi ddikjarat invalidu mill-inqas għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) id-disinn ma kellux jiġi rreġistrat għax ma jikkonformax mad-definizzjoni stabbilita fil-punt (3) tal-Artikolu 2, jew mar-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 3 sa 8;

(b) id-disinn ma kellux jiġi rreġistrat minħabba l-eżistenza ta' disinn preċedenti skont it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 14(1).

3. Il-proċedura amministrattiva għandha tipprevedi li mill-inqas il-persuni li ġejjin għandhom ikunu intitolati jinfilzaw applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-invalidità:

(a) fil-każ tal-punt (a) tal-paragrafu 2, il-persuni, il-gruppi jew il-korpi msemmija fl-Artikolu 14(2);

(b) fil-każ tal-punt (b) tal-paragrafu 2, il-persuna msemmija fl-Artikolu 14(3).

Artikolu 32

Tiġdid

1. Ir-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tiġġedded meta jintalab mid-detentur tad-dritt tad-disinn jew minn kwalunkwe persuna awtorizzata li tagħmel dan bil-liġi jew skont kuntratt, dment li t-tariffi tat-tiġdid ikunu tħallsu. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-irċevuta tal-ħlas tat-tariffi tat-tiġdid għandha titqies li tikkostitwixxi talba ta' dan it-tip.

2. L-uffiċċju għandu jinforma lid-detentur tad-dritt tad-disinn reġistrat bl-iskadenza tar-reġistrazzjoni mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza msemmija. L-uffiċċju m'għandux jinżamm responsabbli jekk jonqos milli jagħti din l-informazzjoni, u dan in-nuqqas ma għandux jaffettwa l-iskadenza tar-reġistrazzjoni.

3. It-talba għat-tiġdid għandha tiġi ppreżentata u t-tariffi tat-tiġdid għandhom jitħallsu mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni. Fin-nuqqas ta' dan, it-talba tista' tiġi ppreżentata f'perjodu ulterjuri ta' sitt xhur eżatt wara l-iskadenza tar-reġistrazzjoni jew tat-tiġdid sussegwenti tagħha. F'dak il-perjodu ulterjuri għandhom jitħallsu t-tariffi tat-tiġdid u tariffa addizzjonali.

4. Fil-każ ta' reġistrazzjoni multipli, meta t-tariffi tat-tiġdid imħallsa ma jkunux biżżejjed biex ikopru d-disinji kollha li għalihom ikun qed jintalab it-tiġdid, ir-reġistrazzjoni għandha tiġġedded jekk ikun ċar liema disinji huwa maħsub li jkopri l-ammont imħallas.

5. It-tiġdid għandu jkollu effett mill-għada tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni eżistenti. It-tiġdid għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru.

Artikolu 33

Komunikazzjoni mal-uffiċċju

Il-partijiet fil-proċedimenti jew, fejn xieraq, ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jindikaw indirizz uffiċjali għall-komunikazzjoni uffiċjali kollha mal-uffiċċju. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li tali indirizz uffiċjali jkun jinsab fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

KAPITOLU 4

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 34

Kooperazzjoni fil-qasam tar-reġistrazzjoni, l-amministrazzjoni u l-invalidità tad-disinj

L-uffiċċji għandhom ikunu liberi li jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea sabiex jippromwovu l-konverġenza tal-prattiki u l-għodod fir-rigward tal-eżami, ir-reġistrazzjoni u l-invalidazzjoni tad-disinj.

Artikolu 35

Kooperazzjoni f'oqsma oħra

L-uffiċċji għandhom ikunu liberi li jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tagħhom għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 34 li għandhom rilevanza għall-protezzjoni tad-disinj fl-Unjoni.

↓ 98/71/KE (adattat)
⇒ ġdid

KAPITOLU 5

⊠ DISPOŻIZZJONIJIET FINALI ⊠

~~Artikolu 18~~

Reviżjoni

~~Tlett snin wara d-data ta' l-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 19, il-Kummissjoni għandha tibgħat analiżi tal-konsegwenzi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq l-industrija tal-Komunità, partikolarment fis-setturi industrijali li jkunu l-aktar milquta, l-aktar dawk li jagħmlu prodotti kumplessi u partijiet komponenti, għall-konsumaturi, għall-kompetizzjoni u għat-tnexxija tas-suq intern. Sa mhux aktar tard minn sena l-Kummissjoni għandha tippromponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bidliet għal din id-Direttiva li jkunu meħtieġa biex ikun komplet is-suq intern għal partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi, u bidliet oħra li hija tqis li jkunu meħtieġa fid-dawl tal-konsultazzjonijiet tagħha mal-partijiet l-aktar milquta.~~

~~Artikolu 36~~¹⁹

~~Implimentazzjoni~~ ⊠ Traspożizzjoni ⊠

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ~~ma'~~ ⇒ mal-Artikoli 2 u 3, l-Artikoli 6, 10 sa 19, 21, 23 sa 33 mhux aktar tard minn ...[OP jekk jogħġbok daħħal id-data

= 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. ~~↳ din id-Direttiva mhux aktar tard mit 28 ta' Ottubru 2001.~~ ☒ Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni. ☒

Meta l-Istati Membri ~~jadottawhom~~ ☒ jadottaw dawk il-miżuri ☒, dawk ~~id-dispożizzjonijiet~~ għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magghom din ir-referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ☒ Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti tad-Direttiva revokata b'din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. ☒ ~~Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.~~ L-Istati Membri ☒ għandhom jiddeċiedu kif iridu jsiru dik ir-referenza u dik id-dikjarazzjoni ☒.

2. ~~Stati Membri~~ L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ~~id-dispożizzjonijiet tal-liġi~~ ☒ t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi ☒ nazzjonali li ~~huma~~ jadottaw fil-qasam ~~regolat~~ ☒ kopert ☒ ~~b'din minn din id-Direttiva.~~

Artikolu 37

☒ **Revoka** ☒

☒ Id-Direttiva 98/71/KE hija revokata b'effett minn ... [*OP jekk jogħġbok daħħal id-data = il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 36(1)*], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limitu taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I. ☒

☒ Referenzi għad-Direttiva revokata għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II. ☒

Artikolu ~~38~~29

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni ☒ tagħha ~~↳ f'Il-Ġurnal Uffiċjali~~ ☒ ~~tal-Unjoni Ewropea~~ ☒ ~~tal-Komunitajiet Ewropej.~~

☒ L-Artikoli 4 u 5, l-Artikoli 7 sa 9, l-Artikoli 20 u 22 għandhom japplikaw minn ... [*Uffiċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu [38](1)*]. ☒

Artikolu ~~39~~21

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President